# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) Nru 1194/2013

**tad-19 ta' Novembru 2013**

**li jimponi dazju antidumping definittiv u li jiġbor definittivament id-dazju provviżorju impost fuq importazzjonijiet tal-bijodiżil li joriġinaw mill-Arġentina u l-Indoneżja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet iddampjati minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea [1], ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikolu 9 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

### A. PROĊEDURA

#### 1. Miżuri provviżorji

(1) Fis-27 ta' Mejju 2013 il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") iddeċidiet li timponi dazju antidumping provviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' bijodiżil li joriġinaw mill-Arġentina u mill-Indoneżja ("il-pajjiżi kkonċernati") bir-Regolament (UE) Nru 490/2013 [2] ("ir-Regolament provviżorju").

(2) Il-proċediment beda wara lment li ġie ppreżentat fid-29 ta' Awwissu 2012 [3] f'isem il-produtturi tal-UE ("il-kwerelanti"), li jirrappreżentaw aktar minn 60 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni tal-bijodiżil.

(3) Kif stipulat fil-premessa (5) tar-Regolament provviżorju, l-investigazzjoni ta' dumping u ħsara kopriet il-perjodu mill-1 ta' Lulju 2011 sat-30 ta' Ġunju 2012 ("il-perjodu ta' investigazzjoni" jew il-"PI"). L-eżami tax-xejriet rilevanti għall-evalwazzjoni tal-ħsara kopra l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2009 sa tmiem il-PI (il-"perjodu kkunsidrat").

#### 2. Il-proċedura sussegwenti

(4) Wara li ġew żvelati l-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali, li abbazi tagħhom ġie deċiż li jkun impost dazju provviżorju tal-antidumping ("żvelar provviżorju"), għadd ta' partijiet interessati ressqu sottomissjonijiet bil-miktub li bihom urew il-fehmiet tagħhom dwar is-sejbiet provviżorji. Il-partijiet li għamlu din it-talba ngħataw opportunità li jinstemgħu.

(5) Il-Kummissjoni kompliet tfittex u tivverifika l-informazzjoni kollha li dehrilha li kienet meħtieġa għas-sejbiet definittivi tagħha. Il-kummenti verbali u bil-miktub ippreżentati mill-partijiet interessati tqiesu u, fejn xieraq, is-sejbiet provviżorji ġew immodifikati skont dan.

(6) Sussegwentement, il-partijiet kollha ġew mgħarrfa bil-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li fuq il-bażi tagħhom ġie intiż li tiġi rrikmandata l-impożizzjoni ta' dazju antidumping definittiv fuq l-importazzjonijiet tal-bijodiżil li joriġinaw fl-Arġentina u l-Indoneżja u l-ġbir definittiv tal-ammonti garantiti permezz tad-dazju provviżorju ("l-iżvelar definittiv"). Il-partijiet kollha ngħataw perjodu li fih setgħu jagħmlu kummenti dwar l-iżvelar finali.

(7) Il-kummenti kollha ppreżentati mill-partijiet interessati ġew ikkunsidrati u indirizzati fejn kien xieraq.

### B. IT-TEĦID TA' KAMPJUNI

(8) Fin-nuqqas ta' kummenti li jindirizzaw il-kampjun tal-produtturi esportaturi mill-Arġentina u mill-Indoneżja, is-sejbiet provviżorji fil-premessi minn (10) sa (14) u minn (16) sa (20) tar-Regolament provviżorju huma b'dan ikkonfermati.

[1] ĠU L 343, 22.12.2009, p. 51.
[2] ĠU L 141, 28.5.2013, p. 6.
[3] ĠU C 260, 29.8.2012, p. 8.

(9) Parti interessata talbet aktar informazzjoni dwar kemm il-kampjun ta' produtturi tal-Unjoni huwa rappreżentattiv, kemm fl-istadju ta' għażla provviżorja kif stipulat fil-premessa (23) tar-Regolament provviżorju kif ukoll fl-istadju ta' għażla finali kif stipulat fil-premessa (83) tar-Regolament provviżorju.

(10) Il-kampjun tal-produtturi tal-Unjoni magħżul b'mod provviżorju kien jikkonsisti minn 32,5 % tal-produzzjoni tal-bijodiżil fl-Unjoni matul il-PI. Wara l-bidliet spjegati fil-premessa (24) tar-Regolament provviżorju l-kampjun finali kien jikkonsisti minn tmien kumpaniji li jkopru 27 % tal-produzzjoni tal-Unjoni. Għalhekk, il-kampjun xorta kien ikkunsidrat bħala rappreżentattiv tal-industrija tal-Unjoni.

(11) Parti interessata waħda ddikjarat li żewġ produtturi tal-Unjoni li ġew magħżula għandhhom jitneħħew mill-kampjun minħabba r-relazzjoni tagħhom mal-produtturi esportaturi Arġentini. L-allegata rabta kienet eżaminata qabel l-impożizzjoni tal-miżuri provviżorji u l-konklużjonijiet tal-Kummissjoni kienu diġà ppubblikati fil-premessa (82) tar-Regolament provviżorju.

(12) Ir-rabtiet allegati kollha bejn il-produtturi esportaturi Arġentini u ż-żewġ kumpaniji fil-kampjun imsemmija hawn fuq ġew eżaminati mill-ġdid, u ma nstabet l-ebda rabta diretta bejniethom tali li kwalunkwe wieħed mill-produttur tal-Unjoni għandu jitneħħa mill-kampjun. Il-kampjun għalhekk baqa' ma nbidilx.

(13) Parti interessata oħra affermat li l-proċedura tal-Kummissjoni għall-għażla ta' kampjun tal-produtturi tal-Unjoni kienet difettuża, għaliex il-Kummissjoni pproponiet kampjun qabel il-bidu tal-investigazzjoni.

(14) Dik il-pretensjoni ma ntlaqgħetx. Kien wara l-bidu tal-investigazzjoni li l-Kummissjoni għażlet il-kampjun finali, u f'konformità sħiha mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament bażiku.

(15) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe pretensjoni jew kummenti oħra, il-kontenut tal-premessi minn (22) sa (25) tar-Regolament provviżorju huwa b'dan ikkonfermat.

## C. IL-PRODOTT IKKONĊERNAT U L-PRODOTT SIMILI

### 1. Introduzzjoni

(16) Kif stabbilit fil-premessa (29) tar-Regolament provviżorju, il-prodott ikkonċernat kif definit b'mod provviżorju huma l-esteri monoalkiliċi tal-aċidi xaħmin u/jew żjut tal-gass paraffiniċi miksuba minn sinteżi u/jew trattament idriku, ta' oriġini mhux mill-fossili, f'forma pura jew kif inklużi f'taħlita li toriġina mill-Arġentina u mill-Indoneżja, prodott li attwalment jaqa' taħt il-kodiċi NM ex 1516 20 98, ex 1518 00 91, ex 1518 00 95, ex 1518 00 99, ex 2710 19 43, ex 2710 19 46, ex 2710 19 47, 2710 20 11, 2710 20 15, 2710 20 17, ex 3824 90 97, 3826 00 10 u ex 3826 00 90 ("il-prodott ikkonċernat", magħruf komunement bħala "bijodiżil").

### 2. **Il-pretensjonijiet**

(17) Produttur esportatur Indoneżjan afferma li bil-maqlub ta' dak li ġie mistqarr fil-premessa (34) tar-Regolament provviżorju, l-ester tal-metil tal-Palm (PME) prodott fl-Indoneżja ma kienx prodott li jixxiebah mal-ester tal-metil taż-żerriegħa tal-kolza (RME) u bijodiżils oħrajn prodotti fl-Unjoni, jew l-ester tal-metil tas-soja (SME) prodott fl-Arġentina minħabba s-CFPP ħafna ogħla tal-PME li jfisser li għandu jitħallat qabel l-użu fl-Unjoni.

(18) Din il-pretensjoni ma ntlaqgħetx. Il-PME prodott fl-Indoneżja huwa f'kompetizzjoni ma' bijodiżil prodott fl-Unjoni, li mhux biss RME iżda wkoll bijodiżil magħmul minn żejt tal-palm u materja prima oħra. Il-PME jista' jintuża fl-Unjoni kollha matul is-sena, billi jitħallat ma bijodiżils oħra qabel l-użu, bl-istess mod bħall-RME u l-SME. Il-PME għalhekk huwa interskambjabbli ma' bijodiżil magħmul fl-Unjoni u għalhekk huwa prodott simili.

(19) Il-premessa (35) tar-Regolament provviżorju tiddikjara l-pretensjoni ta' produttur Indoneżjan li l-esteri tal-metil frazzjonati għandhom jiġu esklużi mill-ambitu tal-prodott ta' dan il-proċediment. L-istess produttur saħaq din it-talba fil-kummenti tiegħu dwar l-iżvelar provviżorju billi ddikjara mill-ġdid l-argument tiegħu minn qabel l-iżvelar provviżorju.

(20) L-industrija tal-Unjoni madankollu kkontestat din l-affermazzjoni billi qalet li l-esteri tal-metil frazzjonati kienu bijodiżil u għandhom jibqgħu fl-ambitu tal-prodott.

(21) Wara l-kummenti li waslu wara l-istadju provviżorju, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni fil-premessa (36) tar-Regolament provviżorju hija kkonfermata. Minkejja li diversi esteri metiliċi tal-aċidi xaħmin għandhom numru tal-indiċi tal-Chemical Abstracts Service ("CAS") differenti, minkejja li jintużaw proċeduri differenti sabiex jiġu prodotti dawk l-esteri u li jista' jkun li għandhom użi differenti, l-esteri metiliċi frazzjonati xorta jibqgħu esteri metiliċi tal-aċidi xaħmin, u xorta jistgħu jintużaw bħala fjuwil. Minħabba d-diffikultajiet sabiex ester metiliku tal-aċidi xaħmin jintgħaraf minn ieħor mingħajr analiżi kimika fil-post tal-importazzjoni, u l-possibbiltà ta' ċirkomvenzjoni tad-dazji bħala riżultat, bid-dikjarazzjoni li l-bijodiżil PME huwa ester metiliku frazzjonat magħmul miż-żejt tal-palm, il-pretensjoni tibqa' ma tintlaqax.

(22) Fil-premessa (37) tar-Regolament provviżorju, ġie msemmi li importatur Ewropew tal-ester metiliku tal-aċidi xaħmin miż-żejt tal-qalba tal-palm ("PKE") talab li l-importazzjonijiet ta' dan il-prodott ikunu soġġetti għal eżenzjoni skont l-użu aħħari, jew inkella jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-prodott f'dan il-proċediment.

(23) L-industrija tal-Unjoni kkummentat wara l-iżvelar provviżorju dwar l-użu tal-eżenzjoni skont l-użu aħħari għal importazzjonijiet tal-PKE u l-possibbiltà ta' ċirkomvenzjoni tad-dazji proposti. Hija opponiet li l-Kummissjoni tawtorizza l-użu ta' din l-iskema biex id-dazju antidumping jiġi eżentat, minħabba li l-bijodiżil għandu natura interkambjabbli, il-bijodiżil iddikjarat mhux bħala fjuwil jista' jintuża bħala fjuwil ġaladarba għandu l-istess propjetajiet fiżiċi. Il-PKE jista' jintuża bħala fjuwil; l-alkoħol xaħmi mhux saturat li jsir mill-PKE jista' wkoll jiġi ulterjorment ipproċessat f'bijodiżil; u l-kontolli li d-Dwana tista' tapplika fuq l-importazzjonijiet fl-iskema ta' Eżenzjoni skont l-Użu Aħħari huma limitati, u l-piż ekonomiku li jirriżulta mill-użu ta' din l-iskema huwa sinifikanti.

(24) Wara konsultazzjonijiet dwar din il-kwistjoni u fid-dawl tal-fatt li l-bijodiżil iddikjarat li mhux għall-użu bħala fjuwil għandu l-istess proprjetajiet fiżiċi bħala bijodiżil għal-użu bħala fjuwil, mhuwiex xieraq li tkun permessal-Eżenzjoni skont l-Użu Aħħari għal importazzjonijiet tal-PKE fil-każ preżenti.

(25) Importatur Ġermaniż tenna t-talba tiegħu sabiex il-prodott jiġi eskluż u/jew ikun hemm Eżenzjoni skont l-Użu Aħħari għal ester metiliku partikolari tal-aċidi xaħmin manifatturat minn żejt tal-qalba tal-palm (PKE) li kien maħsub għal użu ieħor fl-UE u mhux bħala fjuwil. Il-kummenti magħmula jiddikjaraw mill-ġdid il-pożizzjoni tiegħu, li kienet ġiet miċħuda fl-istadju provviżorju, u ma ngħatat l-ebda evidenza ġdida sabiex isir tibdil fil-konklużjoni biex ma tingħatax Eżenzjoni skont l-Użu Aħħari, u li l-PKE għandu jibqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-prodott.

(26) Produttur esportatur Indoneżjan irrefera wkoll għall-pretensjoni tiegħu għal Eżenzjoni skont l-Użu Aħħari tal-esteri metiliċi frazzjonati, u talab Eżenzjoni skont l-Użu Aħħari għal dawn l-importazzjonijiet sabiex jiġi mmanifatturat l-alkoħol saturat xaħmi. Kif stabbilit hawn fuq, it-talbiet kollha għal Eżenzjoni skont l-Użu Aħħari ġew miċħuda, u l-argumenti stipulati minn din il-parti interessata ma biddlux dik il-konklużjoni.

### 3. **Konklużjoni**

(27) Fin-nuqqas ta' kummenti oħra dwar il-prodott ikkonċernat u l-prodott simili, il-premessi minn (29) sa (39) tar-Regolament provviżorju huma b'dan ikkonfermati.

## D. ID-DUMPING

### 1. **Rimarki introduttorji**

(28) Il-premessi (44) u (64) tar-Regolament provviżorju spjegaw li s-swieq tal-bijodiżil tal-Arġentina u tal-Indoneżja huma rregolati ħafna mill-Istat u għalhekk il-bejgħ domestiku ma kienx kkunsidrat bħala magħmul fil-kors ordinarju tal-kummerċ. Bħala konsegwenza, il-valur normali tal-prodott simili kellu jinħadem skont l-Artikolu 2(3) u (6) tar-Regolament bażiku. Dik is-sejba ma ġiet ikkontestata minn ebda parti interessata u għalhekk hija kkonfermata.

(29) Kemm għall-Arġentina kif ukoll għall-Indoneżja l-valur normali kostrutt fl-istadju provviżorju kien ikkalkulat abbażi tal-ispejjeż ta' produzzjoni reali (u rreġistrati) tal-istess kumpaniji matul il-PI, il-bejgħ, u l-ispejjeż ġenerali u amministrattivi ("SG&A") li kellhom u l-marġini raġonevoli ta' profitt. Il-premessi (45) u (63) tar-Regolament provviżorju nnutaw b'mod partikolari li l-Kummissjoni se teżamina ulterjorment il-pretensjoni li s-sistemi ta' Taxxa fuq l-Esportazzjoni Differenzjaat ("DET") fl-Arġentina u l-Indoneżja joħolqu distorsjoni fil-prezzijiet tal-materja prima u li, għalhekk, l-ispejjeż irreġistrati tal-produzzjoni ma kenux jirriflettu b'mod raġonevoli l-ispejjeż assoċjati mal-produzzjoni tal-prodott konċernat.

(30) L-investigazzjoni ulterjuri wriet li s-sistemi ta' DET tabilħaqq baxxew il-prezzijiet domestiċi tal-materja prima ewlenija fl-Arġentina u l-Indoneżja għal livell artifiċjalment baxx, kif spjegat hawn taħt mill-premessa (35) 'l quddiem għall-Arġentina u l-premessa (66) għall-Indoneżja u, bħala konsegwenza, jaffettwaw l-ispejjeż tal-produtturi tal-bijodiżil fiż-żewġ pajjiżi kkonċernati. Fid-dawl ta' din is-sejba huwa meqjus xieraq li din id-distorsjoni fl-ispiża tal-materja prima ewlenija għandha tiġi kkunsidrata meta jkun stabbilit il-valuri normali fiż-żewġ pajjiżi, minħabba s-sitwazzjoni partikolari tas-suq li tixref kemm fl-Arġentina kif ukoll fl-Indoneżja.

(31) Il-Qorti Ġenerali kkonfermat ([1]) li meta l-prezzijiet tal-materja prima jkunu rregolati b'tali mod li jkunu artifiċjalment baxxi fis-suq domestiku, jista' jkun preżunt li l-ispiża tal-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat tkun affettwata minn distorsjoni. Il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li f'ċirkustanzi bħal dawn, l-istituzzjonijiet tal-Unjoni huma intitolati li jikkonkludu li wieħed mill-partiti fir-reġistri ma jistax jitqies bħala raġonevoli u li, konsegwentement, din il-partita tista' tiġi aġġustata.

([1]) Ara pereżempju s-sentenza T-235/08 tas-7 ta' Frar 2013 (Acron OAO u Dorogobuzh OAO kontra l-Kunsill).

(32) Il-Qorti Ġenerali kkonkludiet ukoll li mill-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 2(5) tar-Regolament bażiku jidher li r-reġistri tal-Parti kkonċernata ma jservux bħala bażi biex jiġi kkalkolat il-valur normali jekk l-ispejjeż assoċjati mal-produzzjoni tal-prodott taħt investigazzjoni mhumiex riflessi f'dawn ir-reġistri. F'dak il-każ, it-tieni sentenza tal-ewwel subparagrafu tistipula li l-ispejjeż għandhom jiġu aġġustati jew stabbiliti fuq il-bażi ta' sorsi ta' informazzjoni oħra apparti dawn ir-reġistri. Dik l-informazzjoni tista' tittieħed mill-ispejjeż imġarrba minn produtturi jew esportaturi oħra jew, meta dik l-informazzjoni ma tkunx disponibbli jew ma tistax tintuża, kull sors ta' informazzjoni raġonevoli ieħor, inkluża informazzjoni minn swieq rappreżentattivi oħrajn.

(33) Fil-kalkoli provviżorji, il-prezz tax-xiri domestiku reali tal-fażola tas-soja u l-ispiża reali rreġistrata għaż-żejt tal-palm mhux raffinat kienet użata meta nħadmet l-ispiża tal-produzzjoni rispettivament għall-esportaturi produtturi Arġentini u Indoneżjani.

(34) Minħabba li ċerti spejjeż ta' produzzjoni, jiġifieri l-ispejjeż tal-materja prima ewlenija (iż-żejt tas-soja u l-fażola tas-soja fl-Arġentina u ż-żejt tal-palm mhux raffinat fl-Indoneżja), instabu li kienu qed isofru minn distorsjoni, dawn ġew stabbiliti abbażi tal-prezzijiet ta' referenza ppubblikati mill-awtoritajiet rilevanti tal-pajjiżi kkonċernati. Dawn il-prezzijiet jirriflettu l-livell tal-prezzijiet internazzjonali.

## 2. **L-Arġentina**

### 2.1. *Il-valur normali*

(35) Kif imsemmi hawn fuq, il-Kummissjoni issa waslet għall-konklużjoni li s-sistema ta' DET fl-Arġentina toħloq distorsjoni fl-ispejjeż ta' produzzjoni għall-produtturi tal-bijodiżil f'dan il-pajjiż. L-investigazzjoni stabbilixxiet li tul il-PI t-taxxi fuq l-esportazzjoni fuq materja prima (35 % fuq il-fażola tas-soja u 32 % fuq iż-żejt tas-soja) kienu ogħla mit-taxxi fuq l-esportazzjoni fuq il-prodott lest b'mod sinifikanti (rata nominali ta' 20 % fuq il-bijodiżil, b'rata effettiva ta' 14,58 % meta titqies rifużjoni ta' taxxa). Bħala fatt, id-differenza bejn it-taxxa fuq l-esportazzjoni fuq il-fażola tas-soja u l-bijodiżil kienet ta' 20,42 punt perċentwali, u bejn iż-żejt tas-soja u l-bijodiżil kienet ta' 17,42 punt perċentwali matul il-PI.

(36) Biex ikun iddeterminat il-livell ta' taxxa fuq l-esportazzjoni għall-fażola tas-soja u għaż-żejt tal-fażola tas-soja, il-Ministeru Arġentin għall-Agrikoltura, il-Bhejjem u s-Sajd jippubblika fuq bażi ta' kuljum il-prezz FOB għall-fażola tas-soja u għaż-żejt tal-fażola tas-soja – "il-prezz ta' referenza" ([1]). Dan il-prezz ta' referenza jirrifletti l-livell tal-prezzijiet internazzjonali ([2]) u jintuża biex jiġi kkalkulat l-ammont ta' taxxa fuq l-esportazzjoni li jrid jitħallas lill-awtoritajiet tat-taxxa.

(37) Il-prezzijiet domestiċi jsegwu t-tendenzi tal-prezzijiet internazzjonali. L-investigazzjoni stabbilixxiet li d-differenza bejn il-prezz internazzjonali u dak domestiku tal-fażola tas-soja u ż-żejt tal-fażola tas-soja huwa t-taxxa tal-esportazzjoni fuq il-prodott u spejjeż oħra li jsiru biex ikun esportat. Il-prezzijiet domestiċi ta' referenza tal-Fażola tas-soja u taż-żejt tal-fażola tas-soja huma ppubblikati wkoll mill-Ministeru Arġentin tal-Agrikoltura bħala l-"prezz teoretiku FAS" ([3]). Il-produtturi tal-fażola tas-soja u taż-żejt tal-fażola tas-soja għalhekk jiksbu l-istess prezz nett irrispettivament jekk ibigħux għall-esportazzjoni jew domestikament.

(38) Bħala konklużjoni, il-prezzijiet domestiċi tal-materja prima ewlenija li jużaw il-produtturi tal-bijodiżil fl-Arġentina nstabu li kienu b'mod artifiċjali aktar baxxi mill-prezzijiet internazzjonali minħabba d-distorsjoni maħluqa mis-sistema Arġentina tat-taxxa fuq l-esportazzjoni u, konsegwentement, l-ispejjeż tal-materja prima ewlenija ma kienux riflessi b'mod raġonevoli fir-reġistri miżmuma mill-produtturi Arġentini investigati skont it-tifsira tal-Artikolu 2(5) tar-Regolament bażiku kif interpretat mill-Qorti Ġenerali, kif spjegat hawn fuq.

(39) Il-Kummissjoni għalhekk iddeċidiet li tirrevedi l-premessa (63) tar-Regolament provviżorju u tinjora l-ispejjeż reali tal-fażola tas-soja (il-materja prima ewlenija mixtrija u użata fil-produzzjoni tal-bijodiżil) kif irreġistrati mill-kumpaniji kkonċernati fil-kontijiet tagħhom u li tissostitwixxihom bil-prezz li bih dawk il-kumpaniji kienu jixtru s-soja fin-nuqqas ta' tali distorsjoni kif spjegat hawn taħt.

(40) Sabiex tiġi stabbilita l-ispiża li biha l-kumpaniji kkonċernati kieku kienu jixtru l-fażola tas-soja fin-nuqqas ta' din it-tip ta' distorsjoni, il-Kummissjoni ħadet il-medja tal-prezzijiet ta' referenza tal-fażola tas-soja ppubblikati mill-Ministeru Arġentin tal-Agrikoltura għall-esportazzjoni FOB tal-Arġentina matul il-PI ([4]).

(41) L-assoċjazzjoni tal-produtturi esportaturi Arġentini (CARBO) u l-Awtoritajiet Arġentini stqarrew li aġġustament għall-ispejjeż li sofrewh il-kumpaniji skont l-Artikolu 2(5) tar-Regolament bażiku huwa possibbli biss

([1]) Ir-Riżoluzzjoni 331/2001 tal-Ministeru għall-Agrikoltura, il-Bhejjem u s-Sajd.

([2]) Is-suq ewlieni li huwa kkunsidrat li jiddetermina l-livell tal-prezz internazzjonali tal-fażola tas-soja u taż-żejt tal-fażola tas-soja huwa ċ-Chicago Board of Trade.

([3]) Il-prezz teoretiku FAS huwa kkalkulat billi jiġu skontati l-ispejjeż kollha inklużi fil-proċess ta' esportazzjoni mill-valur uffiċjali FOB.

([4]) http://64.76.123.202/site/agricultura/precios_fob_-_exportaciones/index.php

meta r-reġistri, u mhux l-ispejjeż li refgħu l-kumpaniji, ma jirriflettux b'mod raġonevoli l-ispejjeż assoċjati mal-produzzjoni u l-bejgħ tal-prodott ikkonċernat. Huma ddikjaraw li fil-prattika l-Kummissjoni żiedet it-taxxi ta' esportazzjoni mal-prezz imħallas mill-kumpaniji meta xtraw il-fażola tas-soja, biex b'hekk inkludiet l-ispejjeż tal-produzzjoni bħala element li mhuwiex assoċjat mal-produzzjoni u l-bejgħ tal-prodott ikkonċernat. Huma żiedu li s-sentenza tal-Qorti Ġenerali "Acron" ikkwotata fid-dokument finali ([1]) hija bbażata fuq l-interpretazzjoni żbaljata tal-Artikolu 2.2.1.1 tal-Ftehim dwar l-Antidumping tad-WTO (ADA), attwalment qiegħda tkun appellata quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u fi kwalunkwe każ il-kunsiderazzjonijiet fattwali huma differenti minn dawk fil-każ preżenti ġaladarba l-prezzijiet tal-materja prima fl-Arġentina mhumiex "irregolati" bħalma hu l-prezz tal-gass fir-Russja, u mhumiex distorti iżda huma ddeterminati liberament mingħajr l-ebda intervent tal-Istat, u għalhekk ma hemm l-ebda sitwazzjoni partikolari fis-suq tal-Arġentina li tippermetti lill-Kummissjoni sabiex tapplika l-Artikolu 2(5) tar-Regolament bażiku. Huma ddikjaraw li s-sistema ta' DET fl-Arġentina mhijiex inkompatibbli ma' xi regola tal-kummerċ. Barra minn hekk, CARBIO ddikjarat li billi t-taxxi tal-esportazzjoni ma ġewx ikkunsidrati meta ġie stabbilit il-prezz tal-esportazzjoni, il-Kummissjoni ma għamlitx paragun ġust bejn il-valur normali maħdum (li jqis it-taxxi fuq l-esportazzjoni) u l-prezz tal-esportazzjoni (li ma jinkludix it-taxxi tal-esportazzjoni). Barra minn hekk, hija saħqet li meta saret referenza għall-prezzijiet internazzjonali tal-fażola tas-soja kif stabbilit fiċ-Chicago Board of Trade (CBOT) meta ġie ddeterminat il-valur normali u ma ngħata l-ebda każ għall-qligħ jew għat-telf marbut mal-attivitajiet ta' hedging fis CBOT meta ġie stabbilit il-prezz għall-esportazzjoni (ara hawn taħt), għal darb'oħra l-Kummissjoni ma għamlitx paragun ġust bejn il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni. Barra minn hekk, CARBIO sostniet li bis-sempliċi sostituzzjoni tal-ispejjeż irreġistrati mill-kumpaniji investigati bi prezz internazzjonali, il-Kummissjoni ma kkunsidratx il-vantaġġ kompetittiv naturali tal-produtturi Arġentini. Fl-aħħar nett, CARBIO lmentat li l-Kummissjoni ma kkunsidratx li fl-assenza ta' DET fl-Arġentina, tal-prezzijiet CBOT tal-fażola tas-soja kienu se jkunu ħafna inqas.

(42) Dawn il-pretensjonijiet ma jintlaqgħux. Anki jekk il-fatti fil-kawża "Acron" mhumiex l-istess bħal l-fatti f'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali madankollu stabbilixxiet il-prinċipju fil-liġi li jekk l-ispejjeż assoċjati mal-produzzjoni tal-prodott li qed jiġi investigat ma jkunux riflessi b'mod raġonevoli fir-reġistri tal-kumpaniji, ma jistgħux iservu bħala bażi għall-kalkolu tal-valur normali. Fil-kawża "Acron" l-ispejjeż ma kinux riflessi b'mod raġonevoli fir-reġistri tal-kumpanija kkonċernata minħabba li l-prezz tal-gass kien irregolat. Fil-każ preżenti ġie stabbilit li spejjeż assoċjati mal-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat mhumiex riflessi b'mod raġonevoli fir-reġistri tal-kumpaniji kkonċernati għax huma baxxi b'mod artifiċjali minħabba distorsjoni kkawżata mis-sistema ta' DET Arġentina. Dan jgħodd irrispettivament minn jekk is-sistemi ta' DET b'mod ġenerali jkunux kontra l-Ftehim tad-WTO u kemm jekk le. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tqis li l-Qorti Ġenerali bbażat ruħha fuq l-interpretazzjoni korretta tal-ADA. Fil-każ *China – Broilers*, ([2]) il-bord sab ligħalkemm l-Artikolu 2.2.1.1 tal-ADA jistabbilixxi s-suppożizzjoni li l-kotba u r-reġistri tal-konvenut *normalment* jintużaw biex jiġu kkalkolati l-ispejjeż tal-produzzjoni, l-awtorità investigattiva żżomm id-dritt li tirrifjuta li tuża dawn il-kotba jekk hi tiddetermina li huma jew (i) inkonsistenti mal-GAAP jew, (ii) ma jirriflettux b'mod raġonevoli l-ispejjeż assoċjati mal-produzzjoni u l-bejgħ tal-prodott inkonsiderazzjoni. Madankollu, meta l-awtorità investigattiva tiddeċiedi li tidderoga min-norma, għandha tistipula r-raġunijiet għaliex għamlet hekk. Konsistenti ma' din l-interpretazzjoni, minħabba d-distorsjoni maħluqa mis-sistema ta' DET, li toħloq sitwazzjoni partikolari tas-suq, il-Kummissjoni ssostitwixxiet l-ispejjeż imniżżlin mill-kumpaniji kkonċernati għaxxiri tal-materja prima ewlenija fl-Arġentina mal-prezz li kieku kien jitħallas fin-nuqqas tad-distorsjoni stabbilita. Il-fatt li minn perspettiva purament numerika r-riżultat huwa simili ma jfissirx li l-metodoloġija applikata mill-Kummissjoni kienet tikkonsisti sempliċiment fiż-żieda tat-taxxi tal-esportazzjoni mal-ispejjeż tal-materja prima. Il-prezzijiet internazzjonali tal-kommoditajiet huma stabbiliti fuq il-provvista u tad-domanda, u ma hemm l-ebda evidenza li s-sistema ta' DET fl-Arġentina taffettwa l-prezzijiet tas-CBOT. Għaldaqstant il-pretensjonijiet u l-allegazzjonijiet kollha, li skonthom il-Kummissjoni bl-użu tal-prezz internazzjonali ma għamlitx paragun ġust bejn il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni, huma bla bażi. L-istess jgħodd għall-pretensjoni li l-Kummissjoni ma kkunsidratx il-vantaġġ kompetittiv naturali tal-produtturi Arġentini, minħabba li s-sostituzzjoni tal-ispejjeż irreġistrati mill-kumpaniji saret minħabba l-prezz baxx b'mod mhux normali tal-materja prima fis-suq domestiku, aktar milli minħabba xi vantaġġ komparattiv.

(43) Fil-premessa (45) tar-Regolament provviżorju, ġie spjegat li peress li l-bejgħ domestiku ma tqisx bħala magħmul fl-andament ordinarju tal-kummerċ, il-valur normali kellu jkun kostrutt bl-użu ta' ammont raġonevoli ta' profitt ta' 15 % skont l-Artikolu 2(6)(c) tar-Regolament bażiku. Xi produtturi esportaturi qalu li l-perċentwali użat mill-Kummissjoni bħala profitt raġonevoli (15 %) fil-kalkolu tal-valur normali kienet għolja żżejjed u bidla radikali fil-prattika stabbilita f'għadd ta' investigazzjonijiet oħra fi swieq tal-prodotti bażiċi simili (jiġifieri fejn il-profitt użat ikun ta' madwar 5 %).

([1]) Is-sentenza T-235/08 tas-7 ta' Frar 2013 (Acron OAO u Dorogobuzh OAO kontra l-Kunsill)

([2]) Rapport tal-Panel, *China – Anti-Dumping and Countervailing Duty Measures on Broiler Products from the United States* (WT/DS427/R, adottat fil-25 ta' Settembru 2013), para. 7.164.

(44) Din il-pretensjoni ma tintlaqax. L-ewwel nett, mhuwiex korrett li l-Kummissjoni tuża sistematikament marġini ta' profitt ta' 5 % meta tikkalkula l-valur normali. Kull sitwazzjoni hija stmata fuq il-merti tagħha stess filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ. Pereżempju, fil-każ tal-bijodiżil tal-2009 kontra l-Istati Uniti, diversi livelli ta' profitt differenti ntużaw bil-profitt medju peżat li kien ogħla sew minn 15 %. It-tieni, il-Kummissjoni eżaminat ukoll f'terminu qasir u medju r-rata tas-self fl-Arġentina li hija madwar 14 % skont id-dejta tal-Bank Dinji. Ċertament li huwa kkunsidrat raġonevoli li wieħed jistenna li jinkiseb marġini ta' profitt ogħla meta jsir negozju fis-swieq domestiċi tal-bijodiżil milli mill-ispiża ta' self ta' kapital. Barra minn hekk, dan il-profitt huwa saħansitra inqas mill-profitt magħmul matul il-PI mill-produtturi tal-prodott ikkonċernat, għalkemm dak il-livell jirriżulta minn distorsjonijiet fl-ispejjeż b'riżultat tad-DET u tal-prezzijiet domestiki tal-bijodiżil irregolati mill-Istat. Għalhekk, u għar-raġunijiet spjegati hawn fuq, huwa sostnut li 15 % profitt huwa ammont raġonevoli li jista' jinkiseb minn industrija relattiviment ġdida u intesiva fil-kapital fl-Arġentina.

(45) Wara l-konklużjonijiet definittivi, CARBIO u l-Awtoritajiet Arġentini ddikjaraw li (i) ir-referenza għal-livelli ta' profitt fil-każ tal-Istati Uniti ma kinitx ġustifikata; (ii) ir-referenza għar-rata ta' self fuq terminu medju ta' żmien ma kinitx loġika, qatt ma ntużat fl-imgħoddi, u jekk dan il-valur referenzjarju għandu jintuża, ma għandux ikun tal-Arġentina, għaliex l-investimenti saru bid-dollaru Amerikan flimkien ma' entitajiet barranin; (iii) il-profitt li realment qalgħu l-produturi Arġentini ma setax jitqies minħabba s-sitwazzjoni partikolari tas-suq; u (iv) apparagun, il-profitt fil-mira tal-industrija tal-Unjoni kien previst għal 11 %.

(46) Dawn il-pretensjonijiet ma jintlaqgħux. Il-Kummissjoni kkunsidrat li marġini ta' profitt ta' 15 % kien raġonevoli għall-industrija tal-bijodiżil fl-Arġentina, ġaladarba f'dan il-pajjiż l-industrija kienet għadha żagħżugħa u b'kapital intensiv matul il-PI. Ir-referenza għall-marġini ta' profitt fil-każ tal-Istati Uniti saret biex tiġi kkuntestata l-pretensjoni li l-Kummissjoni tuża sistematikament marġini ta' profitt ta' 5 % meta taħdem il-valur normali. Ukoll, ir-referenza għar-rata tas-self għal perjodu ta' terminu medju ta' żmien ma kinitx intenzjonata li tiffissa valur referenzjarju, iżda biex tittestja kemm kienu raġonevoli l-marġini użati. L-istess japplika għall-profitt li għamlu realment il-kumpaniji fil-kampjun. Min-naħa l-oħra, minħabba li l-iskop tal-valur normali maħdum huwa differenti mill-kalkolu tal-profitt fil-mira għall-industrija tal-Unjoni fin-nuqqas ta' importazzjonijiet dumped, kull paragun bejn it-tnejn huwa irrelevanti. Għalhekk, il-premessa (46) tar-Regolament provviżorju hija b'dan ikkonfermata.

(47) Produttur esportatur jimanifattura l-bijodiżil parzjalment fl-impjanti tiegħu stess u parzjalment permezz ta' ftehim ta' ħlas ta' nollijiet ma' produttur indipendenti. Dan il-produttur esportatur talab li l-ispiża tal-produzzjoni tiegħu tiġi kkalkulata mill-ġdid bl-użu ta' medja peżata differenti tal-ispejjeż tal-produzzjoni tiegħu u tal-ispiża tal-produzzjoni ta' dik imħallsa għal din il-produzzjoni minn dik użata mill-Kummissjoni fl-istadju provviżorju. Din it-talba kienet analizzata u nstabet li kienet ġustifikata u l-ispiża tal-produzzjoni għall-kumpanija kkonċernata ġiet ikkalkolata mill-ġdid skont dan.

(48) Il-Kummissjoni rċeviet pretensjonijiet speċifiċi minn kumpaniji minuri oħra iżda saru irrilevanti wara l-bidla fil-metodoloġija li biha jinħadem il-valur normali kif spjegat hawn fuq. Is-sejbiet fil-premessi minn (40) sa (46) tar-Regolament provviżorju huma b'dan ikkonfermati, bil-modifiki spjegati hawn fuq.

2.2. *Il-prezz tal-esportazzjoni*

(49) Fil-premessa (49) tar-Regolament provviżorju, ġie spjegat li meta l-bejgħ tal-esportazzjoni sar permezz ta' kumpaniji kummerċjali relatati li jinsabu fl-Unjoni, saru aġġustamenti għall-prezz tal-esportazzjoni, inkluż għall-akkumulazzjoni tal-profitt lill-kummerċjant relatat skont l-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku. Għall-fini ta' dan il-kalkolu, livell ta' profitt ta' 5 % għan-negozjant relatat fl-Unjoni kien ikkunsidrat raġonevoli. Żewġ produtturi esportaturi affermaw li marġini ta' profitt ta' 5 % għan-negozjant relatat fl-Unjoni kien għoli wisq f'negozju ta' kummerċ fil-kommoditajiet u li jew ma għandu jintuża l-ebda profitt, inkella għandu jintuża perċentwal iżgħar (sa 2 % jiddependi fuq il-kumpaniji).

(50) L-ebda evidenza ma ġiet ipprovduta biex issostni din l-affermazzjoni. F'dawn iċ-ċirkostanzi l-livell ta' profitt ta' 5 % għall-kummerċjanti relatati fl-UE huwa kkonfermat.

(51) Wara l-konklużjonijiet definittivi, CARBIO saħqet li l-marġini tal-profitt ta' 5 % kien għoli wisq f'negozju li jagħmel kummerċ fil-kommoditajiet, u għamlet referenza għal studju mħejji mill-KPMG speċifikament għal dan l-iskop, u mressaq quddiem il-Kummissjoni fl-1 ta' Lulju 2013 wara l-konklużjonijiet tar-Regolament provviżorju. Il-Kummissjoni kkunsidrat li s-sejbiet tal-istudju ma setgħux jitqiesu bħala kredibbli minħabba limitazzjonijiet fl-analiżi msemmija fl-istudju stess, limitazzjonijiet li wasslu sabiex jiġi magħżul għadd limitat ta' kumpaniji fil-kummerċ, li nofshom ma kinux qed ibigħu prodotti agrikoli. Għalhekk, l-evidenza pprovduta mhix meqjusa konklussiva. Bħala konsegwenza, il-marġini ta' profitt ta' 5 % għall-kummerċjanti relatati fl-UE hija kkonfermata.

(52) Produttur esportatur ilmenta li meta stabbilixxiet il-prezz għall-esportazzjoni, il-Kummissjoni ma qisitx l-hekk imsejħa "riżultati tal-hedging", jiġifieri qligħ jew telf li jagħmel il-produttur meta jbigħ jew jixtri kuntratti futuri ta' żejt tas-soja fiċ-Chicago Board of Trade (CBOT). Il-kumpanija saħqet li l-hedging huwa element neċessarju fin-negozju tal-bijodiżil minħabba l-volatilità tal-prezzijiet tal-materja prima, u li d-dħul nett għall-bejjiegħ tal-bijodiżil ma jkunx biss il-prezz imħallas mix-xerrej, iżda wkoll il-profitt (jew telf) mill-operazzjonijiet tal-hedging sottostanti.

(53) Dik l-affermazzjoni ma tintlaqax għaliex l-Artikolu 2(8) tar-Regolament bażiku b'mod ċar jipprevedi li l-prezz tal-esportazzjoni jkun il-prezz realment imħallas jew li għandu jitħallas għall-prodott meta jinbiegħ għall-esportazzjoni, indipendentement mill-qligħ jew mit-telf marbut mal-prattiki ta' hedging, – għalkemm huma relatati –.

(54) Fin-nuqqas ta' kummenti ulterjuri dwar il-prezzijiet ta' esportazzjoni, il-premessi minn (47) sa (49) tar-Regolament provviżorju, huma b'dan ikkonfermati bil-bidliet imsemmija hawn fuq.

2.3. *Il-paragun*

(55) Fil-premessa (53) tar-Regolament provviżorju, ġie spjegat li meta l-bejgħ bl-esportazzjoni sar permezz ta' kumpaniji kummerċjali relatati li jinsabu barra l-UE, il-Kummissjoni eżaminat jekk in-negozjant relatat għandux ikun ittrattat bħala aġent li jaħdem abbażi ta' kummissjoni u, jekk iva, sarx aġġustament skont l-Artikolu 2(10)(i) tar-Regolament bażiku sabiex titqies iż-żieda nozzjonali fil-valur li rċieva l-kummerċjant.

(56) Kumpanija waħda sostniet li l-marġini ta' profitt użat mill-Kummissjoni għall-kummerċjant relatat barra mill-UE bħala żieda ipotetika kien għoli wisq u li marġini ta' profitt aktar baxx ikun aktar raġonevoli.

(57) Il-Kummissjoni eżaminat bir-reqqa l-argumenti mressqa mill-produttur esportatur, iżda kkonkludiet li fid-dawl tal-attivitajiet estensivi mwettqa mill-kummerċjanti relatati, marġini ta' profitt ta' 5 % kien meqjus bħala raġonevoli. Għaldaqstant, din il-pretensjoni ma tintlaqax.

(58) Fin-nuqqas ta' kummenti oħra rigward il-paragun, il-premessi minn (50) sa (55) tar-Regolament provviżorju huma b'dan ikkonfermati.

2.4. *Il-marġini ta' dumping*

(59) Il-produtturi esportaturi Arġentini kollha li kkooperaw talbu li jekk dazju antidumping kellu jkun impost fuq l-importazzjonijiet tal-bijodiżil mill-Arġentina, għandu jkun hemm dazju wieħed għall-produtturi esportaturi kollha li kkooperaw, ibbażat fuq il-medja peżata tad-dazji antidumping tal-produtturi esportaturi kollha fil-kampjun. Huma sostnew din it-talba billi qalu li l-produtturi fil-kampjun kollha għandhom rabtiet kummerċjali jew ta' tip ieħor bejniethom, dawn jipproduċu, ibigħu, jisssellfu jew ipartu bijodiżil lil xulxin u ħafna drabi l-prodott ta' diversi kumpaniji jitgħabba flimkien fl-istess bastiment tal-oċean u jintbagħat lejn l-UE u ma jibqax possibbli għall-awtoritajiet doganali li jidentifikaw u jiddistingwu l-prodott ta' produtturi differenti. Dawn ċirkostanzi partikolari wasslu biex l-impożizzjoni ta' dazji individwali tkun imprattikabbli.

(60) Minkejja li t-talba ġejja mill-produtturi esportaturi kollha, inklużi dawk b'limitu inferjuri ta' marġini ta' dumping individwali mill-marġini medju peżat, u minkejja s-simplifikazzjoni potenzjali għall-awtoritajiet doganali, din it-talba għandha tiġi miċħuda. Tabilħaqq, diffikultajiet prattiċi allegati ma għandhomx jintużaw bħala skuża biex jidderogaw mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament bażiku sakemm ma jkunx inevitabbli. F'dan il-każ, il-prattika tal-kumpaniji li jpartu, jissellfu jew iħalltu b'xi mod ieħor l-prodott ikkonċernat ma jwassalx, fih innifsu, biex l-impożizzjoni ta' dazji individwali tkun imprattikabbli skont it-tifsira tal-Artikolu 9(6) tar-Regolament bażiku.

(61) Tliet kumpaniji talbu li isimhom ikun inkluż fil-lista ta' produtturi esportaturi li qed jikkooperaw sabiex jibbenefikaw mir-rata ta' dazju antidumping ta' dawk il-kumpaniji li kkooperaw imma ma kienux magħżula għall-kampjun minflok id-dazju residwu għall-"kumpaniji l-oħra kollha".

(62) Tnejn mit-tliet kumpaniji kienu diġà qed jimmanifatturaw bijodiżil għas-suq domestiku jew skont ftehimiet ta' tolling għal produtturi esportaturi oħra matul il-PI, iżda dawn ma kinux qed jesportaw lejn l-Unjoni. It-tielet kumpanija ma kinitx qed tipproduċi bijodiżil matul il-PI billi l-impjant tagħha kien għadu qed jinbena f'dak iż-żmien.

(63) Il-Kummissjoni tqis li l-kundizzjonijiet sabiex kumpanija titqies bħala produttur esportatur li kkoopera ma jintlaħqux fil-każijiet tat-tliet kumpaniji msemmija hawn fuq. Dan japplika mhux biss għall-kumpanija li ma kinitx qed tipproduċi l-bijodiżil waqt il-PI, iżda wkoll għall-kumpaniji li kkoperaw fl-investigazzjoni billi ssottomettew formula tat-teħid tal-kampjuni, minħabba li fit-tweġiba tagħhom għat-teħid tal-kampjun, huma għamluha ċara li kienu qed jipproduċu għas-suq domestiku jew għall-partijiet terzi imma dawn ma kinux qed jesportaw il-bijodiżil għall-UE f'isimhom stess.

(64) Din il-pretensjoni għalhekk ma tintlaqax u d-dazju antidumping "residwali" għandu japplika għat-tliet kumpaniji inkwestjoni.

(65) Filwaqt li jitqiesu l-aġġustamenti li saru fuq il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni kif stabbilit hawn fuq, u fin-nuqqas ta' kummenti ulterjuri, it-tabella fil-premessa (59) tar-Regolament provviżorju hija sostitwita b'dan li ġej u l-marġini ta' dumping definittivi, espressi bħala perċentwali tal-prezz tas-CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju mhux imħallas, huma kif ġej:

| Il-kumpanija | Il-marġini ta' dumping |
|---|---|
| Louis Dreyfus Commodities S.A. | 46,7 % |
| Grupp "Renova" (Molinos Río de la Plata S.A., Oleaginosa Moreno Hermanos S.A.F.I.C.I. y A. u Vicentin S.A.I.C.) | 49,2 % |
| Grupp "T6" (Aceitera General Deheza S.A., Bunge Argentina S.A.) | 41,9 % |
| Kumpaniji oħra li kkooperaw | 46,8 % |
| Il-kumpaniji l-oħra kollha | 49,2 % |

## 3. L-Indoneżja

### 3.1. *Il-valur normali*

(66) Kif imsemmi hawn fuq fil-premessi minn (28) sa (34), il-Kummissjoni issa waslet għall-konklużjoni li s-sistema ta' DET fl-Indoneżja toħloq distorsjoni tal-ispejjeż fil-produzzjoni tal-produtturi tal-bijodiżil f'dan il-pajjiż, u li għalhekk l-ispejjeż assoċjati mal-produzzjoni u l-bejgħ tal-prodott ikkonċernat mhumiex riflessi b'mod raġonevoli fir-reġistri miżmuma mill-produtturi Indoneżjani li qed jiġu investigati.

(67) Il-Kummissjoni għalhekk iddeċidiet li tirrevedi l-premessa (63) tar-Regolament provviżorju u tinjora l-ispejjeż reali taż-żejt tal-palm mhux raffinat (CPO), il-materja prima ewlenija mixtrija u użata fil-produzzjoni tal-bijodiżil, kif irreġistrat mill-kumpaniji kkonċernati fil-kontijiet tagħhom u li tissostitwixxihom bil-prezz li bih dawk il-kumpaniji kienu jixtru s-CPO fin-nuqqas ta' din it-tip ta' distorsjoni.

(68) L-investigazzjoni kkonfermat li l-livell tal-prezz tas-CPO kummerċjalizzat domestikament huwa sinifikattivament baxx meta mqabbel mal-prezz ta' referenza "internazzjonali", id-differenza hija qrib ħafna tat-taxxa fuq l-esportazzjoni applikata għas-CPO. Peress li sistema DET tillimita l-possibbiltajiet għall-esportazzjoni tas-CPO, din twassal għal kwantitajiet akbar ta' CPO disponibbli fis-suq domestiku, b'hekk toħloq pressjoni 'l isfel fuq il-prezzijiet tas-CPO domestiċi. Dan jikkostitwixxi sitwazzjoni partikolari fis-suq.

(69) Matul il-PI esportazzjonijiet ta' bijodiżil kellhom rata ta' taxxa fuq l-esportazzjoni bejn it-2 u l-5 %. Matul l-istess perjodu l-esprotazzjonijiet tas-CPO kellhom rata ta' taxxa ta' esportazzjoni li tvarja bejn il-15 u l-20 % filwaqt li t-taxxa tal-esportazzjoni għar-RBDPO kienet tvarja minn 5 sa 18,5 %. Ir-rati tariffarjii differenti japplikaw skont il-firxa korrispondenti tal-prezzijiet ta' referenza (li jsegwu x-xejriet tas-suq internazzjonali u ma għandhom xejn x'jaqsmu ma' differenzi fil-kwalità). It-taxxa fuq l-esportazzjoni għall-frott tal-palm hija stipulata b'rata fissa ta' 40 %.

(70) Għar-raġunijiet imsemmija hawn fuq, il-premessa (63) tar-Regolament provviżorju hija riveduta u l-ispiża tal-materja prima ewlenija (CPO) irreġistrata mill-kumpaniji kkonċernati, skont l-Artikolu 2(5) tar-Regolament bażiku, ġiet sostitwita bil-prezz ta' referenza tal-esportazzjoni (HPE) [1] għas-CPO ppubblikat mill-awtoritajiet Indoneżjani li huwa mbagħad ibbażat fuq il-prezzijiet internazzjonali ppubblikati (Rotterdam, il-Malasja u l-Indoneżja). Dan l-aġġustament isir fir-rigward tas-CPO li nxtara minn kumpaniji kemm relatati kif ukoll li mhumiex. L-ispiża tas-CPO ta' produzzjoni proprja fl-istess entità ġuridika hija aċċettata minħabba li ma nstabet ebda evidenza li l-ispiża tas-CPO ta' produzzjoni proprja fl-istess entità ġuridika hija affettwata mid-distorsjoni.

(71) Il-produtturi esportaturi kollha mill-Indoneżja kif ukoll il-Gvern tal-Indoneżja jiddikjaraw li s-sostituzzjoni tal-ispejjeż tas-CPO, kif irreġistrati mill-kumpaniji, bil-prezz tal-esportazzjoni Indoneżjan bħala referenza għas-CPO la huwa permissibbli skont ir-regoli tad-WTO u lanqas skont l-Artikolu 2(5) tar-Regolament bażiku, u għalhekk hija illegali. F'dan ir-rigward il-Gvern Indoneżjan sostna li l-Kummissjoni b'mod żbaljat ttrattat lir-Repubblika tal-Indoneżja bħala ekonomija mhux tas-suq. L-argumenti mressqa mill-kumpaniji jistgħu jitqassru kif ġej. L-ewwel nett, il-Kummissjoni ma wrietx xi raġuni biex titbiegħed mill-ispejjeż reali rreġistrati, jew li dawn l-ispejjeż ma jirriflettux b'mod raġonevoli l-ispejjeż marbuta mal-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat, iżda sempliċiment iddikjarat li l-ispejjeż irreġistrati huma artifiċjalment baxxi meta mqabblin mal-prezzijiet internazzjonali, u għalhekk għandhom jiġu sostitwiti.

Dan imur kontra r-regoli tad-WTO, li skont dawn it-test sabiex jiġi ddeterminat jekk spiża partikolari tistax tintuża sabiex jiġu kkalkulati l-ispejjeż tal-produzzjoni huwa jekk din l-ispiża hijiex assoċjata mal-produzzjoni u mal-bejgħ tal-prodott, u mhux jekk din l-ispiża tirriflettix b'mod raġonevoli l-valur tas-suq. It-tieni, anki jekk l-Artikolu 2(5) tar-Regolament bażiku jidher li jippermetti li jista' jsir aġġustament, l-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu għandha tkun limitata għal sitwazzjonijiet fejn l-Istat jinterferixxi direttament fis-suq billi jistabbilixxi jew jirregola l-prezzijiet f'livell artifiċjalment baxx. Madankollu, f'dan il-każ partikolari, il-Kummissjoni tallega li l-prezz

[1] Il-prezz HPE huwa stabbilit kull xahar mill-awtoritajiet Indoneżjani minn Settembru 2011 u jieħu l-medja tal-informazzjoni dwar il-prezz tax-xahar ta' qabel minn tliet sorsi differenti (i) CIF Rotterdam, (ii) CIF Malasja, u (iii) tas-suq tal-iskambju ta' kommoditajiet Indoneżjan. Il-prezz HPE huwa stabbilit abbażi tal-istess sorsi iżda fuq bażi tal-FOB. Għal dik il-parti tal-PI ta' qabel Settembru 2011 (Lulju – Awwissu 2011) intuża biss il-prezz ta' Rotterdam bħala l-valur referenzjarju biex ikun stabbilit l-HPE għas-CPO.

domestiku tas-CPO huwa artifiċjalment baxx mhux għax huwa rregolat mill-Istat, iżda sempliċiment minħabba t-taxxa tal-esportazzjoni imposta fuq is-CPO. Anki kieku dan kellu jkun il-każ, kwalunkwe effett fuq il-prezz domestiku għandu jitqies bħala aċċidentali jew sempliċiment effett kollaterali mis-sistema tat-taxxa fuq l-esportazzjoni. It-tielet, il-Kummissjoni b'mod żbaljat toqgħod fuq is-sentenza ta' *Acron* sabiex tiġġustifika l-legalità tal-aġġustament tas-CPO. Din is-sentenza hija attwalment taħt appell u għalhekk ma tistax tiġi kkunsidrata bħala preċedent. Fi kwalunkwe każ, iċ-ċirkustanza fattwali f'*Acron* kienet differenti minħabba li tirreferi għal sitwazzjoni fejn, għall-kuntrarju tal-prezzijiet tas-CPO fl-Indoneżja li huma stabbiliti b'mod liberu fis-suq, il-prezzijiet tal-gass kienu rregolati mill-Istat. Fl-aħħar nett, il-Gvern tal-Indoneżja sostna li l-aġġustament fl-Artikolu 2(5) sar biss sabiex jiżdiedu l-marġini tad-dumping permezz ta' differenzi fit-tassazzjoni.

(72) Il-pretensjoni li l-aġġustament skont l-Artikolu 2(5) tar-Regolament bażiku huwa illegali skont id-WTO u/jew ir-regoli tal-Unjoni ma tintlaqax. Ir-Regolament bażiku ttraspona l-Ftehim Antidumping tad-WTO (ADA), u għalhekk id-dispożizzjonijiet kollha ta' dan ir-Regolament, inkluż l-Artikolu 2(5), huma kkunsidrati bħala konformi mal-obbligi tal-Unjoni skont l-ADA. F'dan ir-rigward ta' min ifakkar li l-Artikolu 2(5) tar-Regolament bażiku huwa applikabbli b'mod ugwali kemm għall-ekonomiji tas-suq kif ukoll għall-ekonomiji mhux tas-suq. Kif imsemmi hawn fuq (il-premessa 42), il-Qorti Ġenerali, fil-kawża ta' *Acron*, stabbilixxiet l-istat tad-dritt li jekk l-ispejjeż assoċjati mal-produzzjoni tal-prodott li qed jiġi investigat ma jkunux riflessi b'mod raġonevoli fir-reġistri tal-kumpaniji, ma jservux bħala bażi biex jiġi kkalkulat il-valur normali, u li dawn l-ispejjeż jistgħu jiġu sostitwiti bi spejjeż li jirriflettu prezz stabbilit mill-forzi tas-suq skont l-Artikolu 2(5) tar-Regolament bażiku. Il-fatt li l-kawża ta' *Acron* kellha x'taqsam ma' prezzijiet li kienu rregolati mill-Istat, ma jistax jiġi interpretat madankollu li jfisser li l-Kummissjoni mhijiex awtorizzata tapplika l-Artikolu 2(5) għal forom oħra ta' intervent mill-Istat li jgħawweġ, direttament jew indirettament suq partikolari billi jniżżel l-prezzijiet għal livell artifiċjalment baxx. Il-Bord fil-każ *China – Broilers* reċentement wasal għal konklużjoni simili fl-interpretazzjoni tal-Artikolu 2.2.1.1 tal-ADA. Fil-każ preżenti l-Kummissjoni sabet li l-ispejjeż assoċjati mal-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat mhumiex riflessi b'mod raġonevoli fir-reġistri tal-kumpaniji kkonċernati għax huma baxxi b'mod artifiċjali mis-sistema ta' DET Indoneżjana. Għalhekk il-Kummissjoni kienet kompletament iġġustifikata meta aġġustat l-ispejjeż għas-COP skont l-Artikolu 2(5) tar-Regolament bażiku. Fir-rigward tal-pretensjoni mill-Gvern Indoneżjan, ta' min jinnota li l-aġġustament tal-Artikolu 2(5) huwa bbażat fuq id-differenza li hemm bejn il-prezzijiet domestiċi u internazzjonali tas-CPO, u mhux fuq xi differenzi fit-tassazzjoni.

(73) Żewġ produtturi esportaturi fl-Indoneżja sostnew li l-Kummissjoni naqset milli turi li l-prezz domestiku Indoneżjan tas-CPO huwa distort. Huma jargumentaw li l-ipoteżi bażika tal-Kummissjoni li d-DET tillimita l-possibbiltà li s-CPO jiġi esportat, u twassal biex kwantitajiet akbar ta' CPO jkunu disponibbli fis-suq domestiku u b'hekk jonqsu l-prezzijiet domestiċi tas-CPO hija fattwalment inkorretta ġaladarba s-CPO jiġi esportat fi kwantitajiet kbar (70 % tal-produzzjoni kollha). Fi kwalunkwe każ, anki li kieku s-suq domestiku tas-CPO jiġi kkunsidrat mgħawweġ minħabba d-DET, il-prezz tal-HPE jkun ukoll mgħawweġ peress li huwa bbażat fuq il-prezzijiet internazzjonali tal-esportazzjoni, li jinkludu t-taxxa tal-esportazzjoni. Għalhekk, il-prezz tal-HPE għas-CPO ma jistax jintuża bħala l-prezz referenzjarju xieraq għal aġġustament fl-ispiża tas-CPO.

(74) Minkejja li s-CPO huwa esportat mill-Indoneżja fi kwantitajiet kbar, l-investigazzjoni wriet li l-prezz domestiku tas-CPO għadu artifiċjalment baxx meta mqabbel mal-prezzijiet internazzjonali. Barra minn hekk, id-differenza li nstabet fil-prezz, hija qrib it-taxxa tal-esportazzjoni imposta mid-DET. Għalhekk tajjeb li jiġi konkluż li l-livell baxx tal-prezzijiet huwa r-riżultat ta' distorsjoni pprovokata mid-DET. Barra minn hekk, il-prezzijiet internazzjonali tal-kommoditajiet, inkluż is-CPO, huma ddeterminati abbażi tal-provvista u d-domanda, li jirriflettu d-dinamika tal-forzi tas-suq. Ma ġiet ippreżentata l-ebda prova li tindika li dawn il-forzi tas-suq tgħawġu minħabba d-DET Indoneżjana. Il-pretensjoni li l-HPE huwa valur referenzjarju mhux adegwat hija għalhekk ma tintlaqax.

(75) Produttur esportatur wieħed, li nstab li ma kellux bejgħ domestiku rappreżentattiv (il-premessa (60) tar-Regolament provviżorju) stqarr li l-Kummissjoni kienet żbaljat meta għamlet it-test ta' rappreżentazzjoni fuq il-bażi tal-bejgħ minn kumpaniji relatati individwalment minflok il-bejgħ globali tal-kumpaniji kollha fil-grupp. Madanakollu huwa xorta waħda jirrikonoxxi li dan l-allegat żball ma kellu l-ebda impatt fuq is-sejba provviżorja f'dan ir-rigward. Ta' min ifakkar li fir-rigward ta' dan il-produttur esportatur il-kumpaniji kollha relatati fallew individwalment mit-test ta' rappreżentazzjoni. Għalhekk, anki jekk din l-istqarrija kellha tkun fondata huwa ċar li t-test ta' rappreżentazzjoni fuq il-bażi tal-ammont totali ta' bejgħ domestiku tal-kumpaniji relatati kollha ma setax, kif rikonoxxut mill-produttur esportatur, ikollu impatt fuq is-sejbiet provviżorji. Fin-nuqqas ta' kummenti oħra, il-premessi minn (60) sa (62) tar-Regolament provviżorju huma b'dan ikkonfermati.

(76) Parti waħda sostniet li fir-rigward tal-premessa (63) tar-Regolament provviżorju, SG&A esaġerat intuża għal dik il-parti. Wara li ġiet eżaminata din l-affermazzjoni, deher li l-SG&A kemm għall-bejgħ domestiku kif ukoll dak għall-esportazzjoni kienet inkluża fil-kostruzzjoni tal-valur normali. Għalhekk saru l-korrezzjonijiet neċessarji biex l-SG&A tintuża biss għall-bejgħ domestiku.

(77) Parti waħda ddubitat il-kostruzzjoni tal-valur normali u b'mod partikolari l-għażla tal-metodoloġija skont l-Artikolu 2(6) kif iddikjarat fil-premessa (65) tar-Regolament provviżorju. L-Artikolu 2(6) jipprevedi għal tliet metodoloġiji alternattivi biex jiġi stabbilit l-SG&A u l-profitt f'każ li d-dejta reali tal-kumpanija ma tistax tintuża. Din il-parti ddikjarat li dawn it-tliet metodoloġiji għandhom ikunu konsidrati fl-ordni li huma ppreżentati u li għalhekk l-Artikolu 2(6)(a) u l-Artikolu 2(6)(b) għandhom jitqiesu li għandhom jiġu applikati l-ewwel.

(78) Waqt li r-Regolament provviżorju deher li jindirizza biss l-metodoloġija skont l-Artikolu 2(6)(c), il-premessi li ġejjin jelaboraw għaliex l-Artikolu 2(6)(a) u l-Artikolu 2(6)(b) ma japplikawx f'dan il-każ.

(79) L-Artikolu 2(6)(a) mhuwiex applikabbli peress li l-ebda ammonti reali ma kienu stabbiliti għall-ebda waħda mill-kumpaniji Indoneżjani (u Arġentini) magħżula minħabba li huma ma kellhom l-ebda bejgħ fl-andament normali tal-kummerċ. Għalhekk, l-ebda dejta dwar l-ammonti reali ta' kwalunkwe esportatur jew produttur (fil-kampjun) ma hi disponibbli biex ikun applikat l-Artikolu 2(6)(a).

(80) L-Artikolu 2(6)(b) mhuwiex applikabbli minħabba li l-kumpaniji Indoneżjani (u Arġentini) kollha fil-kampjun ma għandhomx il-bejgħ tal-prodotti mill-istess kategorija ġenerali ta' prodotti li jsir fl-andament normali tal-kummerċ.

(81) Fir-rigward tal-Artikolu 2(6)(b), din il-parti argumentat wkoll li r-Regolament bażiku huwa inkonsistenti mar-Regolament tad-WTO sal-punt li fl-Artikolu 2(6)(b) fih ir-rekwiżit li l-bejgħ għandu jsir fl-andament ordinarju tal-kummerċ. Madankollu, kif imsemmi fil-premessa (72) hawn fuq, ir-Regolament bażiku ttraspona l-Ftehim Antidumping tad-WTO (ADA) u għalhekk huwa kkunsidrat li d-dispożizzjonijiet kollha ta' dan ir-Regolament, inkluż l-Artikolu 2(6), huma konsistenti mal-obbligi tal-Unjoni skont l-ADA, u li l-bejgħ fil-kors normali tal-kummerċ huwa kollu kemm hu konformi. ..

(82) Għalhekk, l-għażla tal-applikazzjoni tal-Artikolu 2(6)(c) fl-użu ta' kwalunkwe metodu ieħor raġonevoli sabiex ikun iddeterminat il-marġini ta' profitt huwa kkonfermat.

(83) Barra minn hekk, diversi partijiet qiesu li l-marġini ta' profitt ta' 15 % użat meta ġie kostrutt il-valur normali kien eċċessiv. Huma jsostnu li r-Regolament provviżorju ma jispjegax kif il-Kummissjoni kkalkulat il-15 % u għalhekk jassumu li l-Kummissjoni ħadet il-15 % mill-marġini ta' profitt użat fil-kalkoli tad-dannu. Huma sostnew li f'bosta każijiet oħra li jikkonċernaw kommoditajiet il-Kummissjoni użat marġini ta' profitt ta' madwar 5 %. Bosta partijiet issuġġerixxew li jintuża l-marġini tal-profitt tal-każ tal-bijoetanol mill-Istati Uniti. Parti minnhom ssuġġerixxiet ukoll li jintuża marġini ta' profitt aktar baxx għall-bejgħ tagħha ta' taħlita ta' bijodiżil ma' diżil minerali. Barra minn hekk, il-Gvern tal-Indoneżja sostna li s-sostituzzjoni tal-ispiżat tas-CPO hija xogħol doppju skont l-Artikolu 2(5) tar-Regolament bażiku meta fl-istess ħin jintuża l-marġini ta' profitt ta' 15 % skont l-Artikolu 2(6)(c) li jirrifletti l-marġni ta' profitt ta' suq mhux distort..

(84) L-ewwel nett, mhuwiex korrett li l-Kummissjoni sistematikament tuża marġini ta' profitt ta' 5 % meta tikkalkula l-valur normali. Kull sitwazzjoni hija stmata fuq il-merti tagħha stess filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ. Pereżempju, fil-proċediment tal-bijodiżil tal-2009 kontra l-Istati Uniti, diversi livelli ta' profitt differenti ntużaw bil-profitt medju peżat li kien ogħla sew minn 15 %. It-tieni, minħabba li rata tas-self fuq terminu qasir u medju ta' żmien fl-Indoneżja hija ta' madwar 12 % skont id-dejta tal-Bank Dinji, huwa raġonevoli li wieħed jistenna li l-marġini ta' profitt fit-twettiq tan-negozju fis-suq tal-bijodiżil domestiku jkun ogħla mill-ispiża tas-self tal-kapital. Ir-referenza għar-rata ta' self fuq terminu medju mhijiex intiża bħala punt ta' referenza iżda sabiex tittestja r-raġonevolezza tal-marġini wżat. It-tielet, kemm jekk il-bejgħ ta' taħlita ta' bijodiżil ma' diżil minerali jkun fl-istess kategorija ġenerali ta' prodotti, jew le, l-Artikolu 2(6)(b) tar-Regolament bażiku jistipula, kif diġà ssemma fil-premessa (80) hawn fuq, li bejgħ bħal dan għandu jsir fl-andament normali tal-kummerċ. Minħabba li l-bejgħ domestiku tal-bijodiżil mhux fl-andament normali tal-kummerċ, il-bejgħ ta' taħlita ta' bijodiżil ma' diżil minerali mhux, *mutatis mutandis*, meqjus li sar fl-andament normali tal-kummerċ. Għalhekk, u għar-raġunijiet spjegati hawn fuq, 15 % profitt huwa ammont raġonevoli li jista' jinkiseb minn industrija relattivament ġdida, b'kapital intensiv fl-Indoneżja. L-argument tal-Gvern tal-Indoneżja dwar l-effett doppju ma jistax jiġi aċċettat ġaladarba l-aġġustamenti fl-ispiża skont l-Artikolu 2(5) kif ukoll il-profitt raġonevoli skont l-Artikolu 2(6)(c) huma żewġ kwistjonijiet distinti b'mod ċar. Il-premessa (65) tar-Regolament provviżorju hija b'dan ikkonfermata.

(85) Parti stqarret li peress li l-prezz HPE għas-CPO għadu jinkludi l-ispejjeż internazzjonali tat-trasport, u billi l-iskop tal-aġġustament tal-prezz domestiku tas-CPO għal-livell tal-prezz internazzjonali tas-CPO għadu l-iskop li jistabbilixxi prezz mhux distort tas-CPO domestiku, il-prezz HPE għas-CPO għandu jiġi aġġustat 'l isfel biex jeskludu l-ispejjeż tat-trasport.

(86) Dik il-pretensjoni ma tintlaqax. Il-Kummissjoni kienet qed tikkunsidra għadd ta' alternattivi għall-għażla ta' prezz mill-aktar xieraq li għandu jintuża bħala prezz ta' referenza internazzjonali. Għandu jiġi mfakkar li l-awtoritajiet Indoneżjani nfushom jużaw il-prezz HPE bħala valur referenzjarju sabiex jikkalkulaw ta' kull xahar il-livell tad-dazji fuq l-esportazzjoni. Il-prezz HPE kif definit mill-awtoritajiet Indoneżjani kien għalhekk meqjus bħala l-aktar prezz ta' referenza internazzjonali adattat li għandu jintuża bħala valur referenzjarju sabiex jiġi stabbilit il-livell ta' distorsjoni fl-ispejjeż tal-produzzjoni tal-bijodiżil fl-Indoneżja.

(87) Iż-żewġ partijiet stipulaw li l-Kummissjoni naqset milli tqis li huma jimmanifatturaw il-bijodiżil minn materja prima, li hija differenti mis-CPO, jiġifieri d-distillat tal-aċidi xahmin tal-palma ("PFAD"), iż-żejt tal-palm raffinat ("RPO") jew l-isterina tal-palm raffinata ("RST"). L-aġġustament tas-CPO (kif deskritt fil-premessa (70)), meta ma kkunsidrax kemm il-partijiet użaw realment materja prima fil-produzzjoni tal-bijodiżil tagħhom, kien applikat fuq materja prima mhux suppost ntużat, u dan għalhekk wassal għal livell mhux korrett fil-valur normali maħdum.

(88) Dawk il-pretensjonijiet ma jintlaqgħux. Għandu jiġi enfasizzat li l-Kummissjoni biddlet biss l-ispiża tas-CPO mixtri minn fornituri relatati u mhux relatati, għall-produzzjoni tal-bijodiżil. Rigward il-prodotti sekondarji bħall-PFAD, l-RPO u l-RST li jirriżultaw mill-ipproċessar tas-CPO mixtri, u li huma pproċessati ulterjorment sabiex jipproduċu l-bijodiżil, ma sar l-ebda aġġustament.

(89) It-tliet partijiet sostnew li l-Kummissjoni naqset milli tirrikonoxxi li x-xiri tagħhom tas-CPO minn kumpaniji relatati għandu jiġu ttrattat bħall-produzzjoni interna, bl-istess mod, u għalhekk l-ebda aġġustament skont l-Artikolu 2(5) ma għandu japplika [kif spjegat fil-premessa (70) ta' hawn fuq). Il-partijiet jgħidu li t-tranżazzjonijiet fil-grupp twettqu skont il-prinċipju tad-distakkament u għalhekk ma għandhomx jiġu aġġustati u sostitwiti minn prezz internazzjonali. Barra minn hekk, produttur esportatur sostna li l-valur normali maħdum għandu jiġi kkalkulat fuq bażi ta' kull xahar matul il-PI.

(90) Ladarba l-prezz ta' trasferiment intern ma jistax jitqies kredibbli, hija prattika standard tal-Kummissjoni li tivverifika jekk it-tranżazzjonijiet bejn partijiet relatati twettqux skont il-prinċipju tad-distakkament. Sabiex tagħmel dan, il-Kummissjoni tqabbel il-prezz ta' bejn il-kumpaniji relatati mal-prezz tas-suq sottostanti. Ladarba l-prezz sottostanti tas-suq domestiku huwa distort, il-Kummissjoni ma tistax tagħmel din il-verifika. Għalhekk, il-Kummissjoni trid tibdel dan il-prezz mhux kredibbli bi prezz raġonevoli li jista' jiġi applikat f'kundizzjonijiet normali tas-suq skont il-prinċipju tad-distakkament. F'dan il-każ, il-prezz internazzjonali. Rigward il-pretensjoni biex il-valur normali maħdum ikollu kalkolu ta' kull xahar, l-informazzjoni pprovduta u vverifikata ma kienx fiha informazzjoni ddettaljata biżżejjed biex tippermetti kalkolu ta' din ix-xorta. Għaldaqstant iż-żewġ pretensjonijiet ma ntlaqgħux.

(91) L-industrija tal-Unjoni sostniet li l-ispiża tas-CPO prodott minnhom stess fl-istess entità ġuridika għandha wkoll tiġi aġġustata skont l-Artikolu 2(5) tar-Regolament bażiku billi huwa wkoll affettwat bid-distorsjoni li nħolqot mid-DET.

(92) Dik il-pretensjoni ma tintlaqax. Fil-proċess tal-produzzjoni tal-bijodiżil, il-materja prima tgħaddi minn diversi stadji ta' raffinar/ipproċessar, l-ispejjeż ta' dawn l-istadji ta' produzzjoni jistgħu jitqiesu kredibbli peress li qegħdin isiru fl-istess entità ġuridika, u l-problema tal-prezzijiet ta' trasferiment mhux kredibbli kif deskritti hawn fuq ma sseħħx.

(93) Produttur esportatur sostna li l-Kummissjoni kellha tnaqqas l-hekk imsejjaħ aġġustament fil-prezzijiet mill-valur normali maħdum. Dik il-pretensjoni ma tistax tiġi aċċettata. Il-valur normali maħdum ġie stabbilit abbażi tal-ispejjeż. Għalhekk ma jkunx xieraq li jsiru xi aġġustamenti abbażi ta' konsiderazzjonijiet dwar il-prezz.

3.2. *Il-prezz tal-esportazzjoni*

(94) Parti ddubitat l-istabbiliment tal-prezz tal-esportazzjoni, billi qalet li kemm il-gwadann tal-hedging u kif ukoll it-telf minnu għandhom jitqiesu, u allegat li hemm trattament kontabilistiku inkonsistenti tal-gwadann u tat-telf mill-hedging tal-bijodiżil.

(95) Il-pretensjoni li kemm il-gwadann u kif ukoll it-telf mill-hedging għandhom jitqiesu għandha tiġi miċħuda. L-Artikolu 2(8) tar-Regolament bażiku b'mod ċar jipprevedi li l-prezz tal-esportazzjoni jkun il-prezz imħallas realment jew li għandu jitħallas għall-prodott meta mibjugħ għall-esportazzjoni, indipendentement mill-qligħ jew it-telf separati, – għalkemm relatati, – li għandhom x'jaqsmu ma' prattiki ta' hedging. Għalhekk, il-metodoloġija fil-premessi (66) u (67) tar-Regolament provviżorju hija b'dan ikkonfermata.

(96) Il-Kummissjoni tagħraf li trattament kontabilistiku inkonsistenti tal-gwadann u t-telf mill-hedging tal-bijodiżil ta' parti waħda seħħ fl-istadju provviżorju. Din il-pretensjoni ġiet aċċettata u saru l-korrezzjonijiet neċessarji.

(97) Fir-rigward tal-premessa (68) tar-Regolament provviżorju, parti waħda sostniet li l-marġini ta' profitt ta' 5 % użat għall-kumpaniji kummerċjali relatati li jinsabu fl-Unjoni jirriżulta f'redditu eċċessiv fuq il-kapital u jesaġera l-profitt li huwa normalment miksub fuq il-bejgħ tal-bijodiżil minn kummerċjanti mhux relatati. Hija tiddikjara li redditu tipiku fuq il-kapital jikkorrispondi għal marġini ta' profitt ta' 1,3 % - 1,8 %.

(98) Minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni minn importaturi mhux relatati u minħabba li kumpaniji ta' kummerċ huma negozji ta' servizzi mingħajr investimenti kapitali sinifikanti li jrendu r-redditu fuq il-kapital imsemmi hawn fuq irrilevanti, il-Kummissjoni tiċħad il-pretensjoni ta' hawn fuq u tqis l-marġini ta' profitt ta' 5 % bħala raġonevoli f'dan il-każ. Il-premessa (68) tar-Regolament provvizorju hija b'dan ikkonfermata.

(99) Fir-rigward tal-premessa (69) tar-Regolament provviżorju, parti waħda sostniet li l-primjum għall-għadd doppju tal-bijodiżil għandu jiżdied mal-prezz tal-esportazzjoni, minħabba li din hija biss l-implimentazzjoni tal-liġi Taljana.

(100) Anki jekk il-Kummissjoni taċċetta din il-pretensjoni u żżid l-primjums għall-prezz tal-esportazzjoni, il-primjums ikollhom jerġgħu jitnaqqsu skont l-Artikolu 2(10)(k) sabiex jitqabbel il-prezz tal-esportazzjoni mal-istess valur normali b'kunsiderazzjoni dovuta tad-differenzi li jaffettwaw it-tqabbil tal-prezzijiet. Minħabba li fl-Indoneżja ma hemm l-ebda primjum għal għadd doppju tal-bijodiżil, il-prezz ogħla għall-esportazzjoni fl-Italja għalhekk ma jkunx direttament komparabbli. Għaldaqstant, dak l-argument huwa miċħud u l-premessa (69) tar-Regolament provviżorju hija permezz ta' dan ikkonfermata.

(101) Wara l-konklużjonijiet definittivi, dik il-parti sostniet il-pretensjoni tagħha. Madankollu ma tressaq l-ebda argument addizzjonali sostanzjali li jista' jibdel il-valutazzjoni tal-Kummissjoni. Għaldaqstant, il-premessa (69) tar-Regolament provviżorju hija kkonfermata.

(102) Wara l-konklużjonijiet definittivi, bosta produtturi esportaturi ġibdu l-attenzjoni tal-Kummissjoni dwar żbalji klerikali li allegatament kienu fil-kalkoli tad-dumping. Dawk il-pretensjonijiet ġew eżaminati, u fejn ikun iġġustifikat saru l-korrezzjonijiet fil-kalkoli.

### 3.3. *Il-paragun*

(103) Fin-nuqqas ta' kummenti rigward il-paragum, il-premessi minn (70) sa (75) tar-Regolament provviżorju huma b'dan ikkonfermati.

### 3.4. *Il-marġini ta' dumping*

(104) Filwaqt li jitqiesu l-aġġustamenti tal-valur normali tal-prezz tal-esportazzjoni, kif stabbilit fil-premessi hawn fuq, u fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment ieħor, il-marġini ta' dumping definittivi, espressi bħala perċentwal tal-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju mhux imħallas, huma kif ġej:

| Il-kumpanija | Il-marġini ta' dumping |
|---|---|
| PT. Ciliandra Perkasa, Jakarta | 8,8 % |
| PT. Musim Mas, Medan | 18,3 % |
| PT. Pelita Agung Agrindustri, Medan | 16,8 % |
| PT. Wilmar Bioenergi Indonesia, Medan and PT. Wilmar Nabati Indonesia, Medan | 23,3 % |
| Kumpaniji oħra li kkooperaw | 20,1 % |
| Il-kumpaniji l-oħra kollha | 23,3 % |

## E. ĦSARA

### 1. **Il-produzzjoni tal-Unjoni u l-industrija tal-Unjoni**

(105) Ir-Regolament provviżorju, fil-premessi minn (80) sa (82), iddefinixxa l-industrija tal-Unjoni u kkonferma li tliet kumpaniji kienu esklużi mid-definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni minħabba d-dipendenza tagħhom fuq l-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati, jiġifieri li huma importaw b'mod sinifikanti aktar bijodiżil mill-pajjiżi kkonċernati milli pproduċew.

(106) Żewġ kumpaniji oħra kienu esklużi mid-definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni minħabba li dawn ma kinux ipproduċew bijodizil matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

(107) Kienu riċevuti kummenti wara l-pubblikazzjoni tar-Regolament provviżorju li kumpaniji oħra għandhom jiġu esklużi mid-definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni minħabba l-importazzjoni ta' bijodiżil mill-pajjiżi kkonċernati, u wkoll minħabba r-relazzjoni tagħhom mal-produtturi esportaturi fl-Arġentina u l-Indoneżja, li b'hekk jipproteġu ruħhom mill-konsegwenzi negattivi tad-dumping.

(108) Dawk il-kummenti ma ntlaqgħux. Wara li ġiet analizzata l-pretensjoni b'rabta ma' relazzjonijiet bejn il-produtturi esportaturi u l-industrija tal-Unjoni nstab li kumpanija azzjonarja kellha ishma kemm ta' produttur esportatur tal-Arġentina kif ukoll ta' produttur tal-Unjoni.

(109) L-ewwel nett, dawk il-kumpaniji nstabu li kienu qed jikkompetu apertament ma' xulxin għall-istess klijenti fis-suq tal-Unjoni, u b'hekk urew li r-relazzjoni tagħhom ma kellha l-ebda impatt fuq il-prattiki tan-negozju tal-produttur esportatur Arġentin jew dak tal-Unjoni.

(110) Wara l-konklużjonijiet definittivi, parti interessata talbet informazzjoni b'rabta mal-konklużjoni tal-Kummissjoni dwar li l-esportaturi Arġentini u l-industrija tal-Unjoni kienu qed jikkompetu għall-istess klijenti fis-suq Ewropew. L-investigazzjoni tal-produtturi tal-Unjoni, u l-investigazzjoni tal-esportaturi Arġentini, urew dan il-fatt, u ma ġiet ipprovduta l-ebda evidenza li tissostanzja l-allegazzjoni li l-esportaturi Arġentini u l-produtturi tal-Unjoni kienu qablu li ma jikkompetux fil-bejgħ ta' bijodiżil lill-utenti finali. L-għadd ta' utenti finali huwa relattivament żgħir u magħmul fil-biċċa l-kbira minn raffineriji taż-żejt li jixtru kemm mingħand produtturi kif ukoll importaturi tal-Unjoni.

(111) It-tieni, l-interess prinċipali tal-produttur tal-Unjoni msemmi fil-premessa (108) ta' hawn fuq nstab li kien fl-Unjoni, b'mod partikolari l-produzzjoni tiegħu u l-attivitajiet ta' bejgħ relatati, kif ukoll attivitajiet ta' riċerka. B'riżultat ta' dan, il-konklużjoni kienet li r-relazzjoni ma kinitx raġuni biex tiġi eskluża din il-kumpanija mid-definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni skont l-Artikolu 4(1)(a) tar-Regolament bażiku.

(112) Il-fatt li xi wħud mill-industrija tal-Unjoni kienu qed jimportaw il-bijodiżil mill-pajjiżi kkonċernati huwa fih innifsu mhux biżżejjed biex ibiddel id-definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni. Kif spjegat fir-Regolament provviżorju, l-importazzjonijiet tal-industrija tal-Unjoni mill-pajjiżi kkonċernati saru għad-difiża proprja. Barra minn hekk, instab li l-interess prinċipali ta' xi produtturi tal-Unjoni li importaw mill-pajjiżi kkonċernati baqa' fl-Unjoni, – dawn il-kumpaniji kienu qed jipproduċu aktar f'termini ta' volum milli kienu qed jimportaw u l-funzjonijiet ta' riċerka tagħhom twettqu fl-Unjoni.

(113) Parti waħda interessata allegat li l-industrija tal-Unjoni għandu jkun fiha wkoll dawk il-kumpaniji li kienu qed jixtru l-bijodiżil u qed iħalltuh b'diżil minerali, minħabba li dawn it-taħlitiet kienu wkoll il-prodott ikkonċernat. Din il-pretensjoni ma ntlaqgħetx. Il-prodott ikkonċernat huwa l-bijodiżil, f'forma pura jew inkella f'taħlita. Għaldaqstant il-produtturi tal-prodott ikkonċernat huma produtturi tal-bijodiżil u mhux il-kumpaniji li jħalltu l-bijodiżil mad-diżil minerali.

(114) Id-definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni kif stabbilita fil-premessi minn (80) sa (82) tar-Regolament provviżorju hija għalhekk ikkonfermata, flimkien mal-volum tal-produzzjoni waqt il-PI kif stabbilit fil-premessa (83) tar-Regolament provviżorju.

## 2. **Il-konsum mill-Unjoni**

(115) Wara l-iżvelar provviżorju l-industrija tal-Unjoni għamlet korrezzjoni żgħira tal-bejgħ tagħhom għall-2009, biex b'hekk aġġustaw il-konsum tal-Unjoni għal dik is-sena. Din il-korrezzjoni ma tibdilx it-tendenza jew il-konklużjonijiet misluta mid-dejta fir-Regolament provviżorju. It-Tabella 1 hija kkoreġuta hawn taħt. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment, il-premessi minn (84) sa (86) tar-Regolament provviżorju huma b'dan ikkonfermati.

| Il-konsum mill-Unjoni | 2009 | 2010 | 2011 | IP |
|---|---|---|---|---|
| Tunnellati | 11 151 172 | 11 538 511 | 11 159 706 | 11 728 400 |
| *Indiċi 2009 = 100* | 100 | 103 | 100 | 105 |

*Sors*: Eurostat, dejta mill-industrija tal-Unjoni

## 3. **Valutazzjoni kumulattiva tal-effetti tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati**

(116) Fil-premessi minn (88) sa (90) tar-Regolament provviżorju, il-Kummissjoni ddeterminat li l-kundizzjonijiet kienu sodisfatti għal valutazzjoni kumulattiva tal-effetti tal-importazzjonijiet mill-Arġentina u l-Indoneżja. Dan kien ikkontestat minn parti interessata li allegat li l-PME mill-Indoneżja ma kienx qiegħed jikkompeti ma' bijodiżil magħmul fl-Unjoni fuq l-istess bażi bħall-SME mill-Arġentina, u li l-PME tal-Unjoni kien orħos mill-bijodiżil prodott minħabba li l-materja mhux raffinata (jew "il-materja prima") kienet irħas mill-materja prima disponibbli fl-Unjoni.

(117) Dawk l-argumenti ma ntlaqgħux. Kemm l-SMEs u l-PME huma importati fl-Unjoni, u huma wkoll manifatturati fl-Unjoni, u huma mħallta ma' RME u bijodiżils oħrajn immanifatturat fl-Unjoni qabel jinbiegħu jew jitħalltu ma' diżil minerali. Dawk li jħalltu jkollhom l-għażla ta' xiri ta' bijodiżil minn materja prima differenti u oriġini differenti biex jipproduċu prodott finali, ibbażat fuq is-suq u l-kundizzjonijiet klimatiċi matul is-sena. Il-PME jinbiegħ fi kwantitajiet akbar matul ix-xhur tas-sajf u kwantitajiet iżgħar matul ix-xhur tax-xitwa, iżda għadu f'kompetizzjoni mal-RME u l-bijodiżil magħmul fl-Unjoni kif ukoll l-SME mill-Arġentina.

(118) Il-premessa (90) tar-Regolament provviżorju hija b'dan ikkonfermata.

## 4. **Il-volum, il-prezz u s-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet iddampjati mill-pajjiżi kkonċernati**

(119) Parti interessata partikolari kkuntestat id-dejta tal-importazzjoni stabbilita fit-Tabella 2 tar-Regolament provviżorju, għax qalet li l-importazzjonijiet mill-Indoneżja kienu ħafna inqas minn dawk ippreżentati fit-tabella. Id-dejta tal-importazzjoni fit-Tabella 2 kienet ibbażata fuq id-dejta tal-Eurostat, li kienet verifikata bir-reqqa u nstab li hija korretta, u skont id-dejta miġbura mingħand l-esportaturi Indoneżjani. Il-bijodiżil huwa prodott relattivament riċenti, u l-kodiċijiet doganali applikabbli għall-importazzjonijiet tal-bijodiżil inbidlu ta' spiss matul dawn l-aħħar snin. Għalhekk, meta tkun qed tiġi estratta dejta minn Eurostat, il-kodiċijiet applikabbli dak iż-żmien għandhom jintużaw sabiex jiżguraw li d-dejta hija akkurata. Dan jispjega għaliex l-estrazzjoni tad-dejta tal-parti interessata mhix kompluta u dan juri inqas importazzjonijiet mid-dejta sħiha ppreżentati fit-Tabella 2.

(120) Minħabba bidla żgħira fil-konsum tal-Unjoni fit-Tabella 1, is-sehem tas-suq għall-Arġentina għall-2009 fit-Tabella 2 ukoll inbidel xi ftit, waqt li għall-Indoneżja ma kien hemm l-ebda bidla. Din ma tbiddilx it-tradizzjoniet tad-dejta jew il-konklużjonijiet stabbiliti minnhom. Is-sehem tas-suq huwa kkoreġut hawn taħt.

| | 2009 | 2010 | 2011 | PI |
|---|---|---|---|---|
| Importazzjonijiet mill-Arġentina | | | | |
| Sehem mis-suq | 7,7 % | 10,2 % | 12,7 % | 10,8 % |
| *Indiċi 2009 = 100* | 100 | 135 | 167 | 141 |

*Sors*: Il-Eurostat

5. **Twaqqigħ tal-prezz**

(121) Kif stipulat fil-premessi minn (94) sa (96) tar-Regolament provviżorju, sabiex jiġi stabbilit it-twaqqigħ fil-prezz, il-prezz tal-importazzjonijiet mill-Arġentina u l-Indoneżja tqabbel mal-prezz ta' bejgħ tal-industrija tal-Unjoni, bl-użu ta' dejta minn kumpaniji fil-kampjun. F'dan it-tqabbil, il-bijodiżil importat mill-industrija tal-Unjoni għall-bejgħ mill-ġdid ġie eskluż mill-kalkoli ta' twaqqigħ tal-prezz.

(122) Partijiet interessati nnutaw li l-metodoloġija użata, minħabba li hija paragun tal-Punt Limitu tal-Filtrabbiltà fil-Ksieħ ("CFPP"), ma kinitx l-istess bħal dik użata f'in-vestigazzjoni kontra d-dumping preċedenti li kient tinvolv bijodiżil mill-Istati Uniti, fejn il-paragun sar fuq il-materja prima.

(123) Għall-kuntrarju tal-produtturi esportaturi fl-Arġentina u l-Indoneżja, l-industrija tal-Unjoni ma tbigħx bijodiżil magħmul minn materja prima waħda, iżda tħallat bosta materji primi biex tipproduċu l-bijodiżil finali li jinbiegħ. Il-klijent aħħari ma jkunx konxju, u lanqas tirrigwardah, il-kompożizzjoni ta' dak li jkun qiegħed jixtri ladarba l-prodott jissodisfa s-CFPP meħtieġ. Dak li jimporta għall-klijent huwa s-CFPP irrispettivament liema materja prima tiġi użata. F'dawn iċ-ċirkostanzi, instab li jkun xierqa li f'dan il-proċediment isir paragun tal-prezzijiet abbażi tas-CFPP.

(124) Għal importazzjonijiet mill-Indoneżja, li jinsabu f'CFPP ta' 13 jew aktar, sar aġġustament, li huwa d-differenza fil-prezz bejn il-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni ta' CFPP 13 u l-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni ta' CFPP 0, sabiex ikun ipparagunat is-CFPP 13 jew iktar mill-Indoneżja mas-CFPP 0 manifatturat u mħallat fl-Unjoni. Produttur esportatur Indoneżjan osserva li minħabba li l-bejgħ tas-CFPP 13 mill-industrija tal-Unjoni seħħ fi kwantitajiet żgħar għal kull tranżazzjoni, dawn il-prezzijiet għan-dhom jitqabblu ma' tranżazzjonijiet CFPP 0 ta' daqs simili. Dwar l-ispezzjoni ta' tranżazzjonijiet tas-CFPP 0 ta' kwantita simili għal kull tranżazzjoni, id-differenza fil-prezz li nstabet kienet skont id-differenza bl-użu t-tranżazzjonijiet kollha tas-CFPP 0, b'differenzi fil-prezz kemm iktar 'il fuq u kemm taħt il-medja tad-differenza fil-prezz. Bħala riżultat ma kien hemm l-ebda tibdil fil-livell ta' bejgħ taħt il-prezz misjub fir-Regolament prov-viżorju fil-premessa (97).

(125) Produttur esportatur Indoneżjan talab li l-Kummissjoni tagħti n-numru ta' kontroll tal-prodott ("PCN") kollu tat-taħlitiet mibjugħin mill-industrija tal-Unjoni – il-perċentwali ta' kull materja prima li tkun fil-bejgħ magħmul mill-industrija tal-Unjoni tal-produzzjoni tagħha stess. Minħabba li l-paragun li sar bl-iskop li tiġi ddeterminata l-ħsara kien biss abbażi tas-CFPP, din il-pretensjoni ma ntlaqitx.

(126) Parti interessata waħda ddikjarat li kien hemm differenza fil-prezz bejn il-bijodiżil li jissodisfa l-kriterji stabbiliti fid-Direttiva dwar l-enerġija rinnovabbli ("Iċċertifikat RED") u l-bijodiżil li ma jissodisfax dawn il-kriterji. Hija sostniet li ladarba l-importazzjonijiet mill-Indoneżja ma kinux iċċer-tifikati RED, u li l-prezz ikkwotat għall-bijodiżil iċċerti-fikat RED kien ogħla, għandu jsir aġġustament.

(127) Dik il-pretensjoni ma ġietx aċċettata. Kważi l-importazz-jonijiet kollha mill-Indoneżja matul il-PI kienu ċċertifikat RED. Fi kwalunkwe każ, l-Istati Membri implimentaw il-kriterji ta' sostenibbiltà stipulati fir-RED fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom biss matul il-kors tal-2012, għaldaq-stant matul ħafna mill-PI kemm jekk il-bijodiżil kien iċċertifikat RED jew le ma kellu l-ebda effett.

(128) Wara l-konklużjonijiet definittivi, produttur esportatur Indoneżjan ikkummenta dwar il-kalkoli tal-bejgħ taħt il-prezz, u ddikjara li l-importazzjonijiet tal-PME mill-Indo-neżja għandhom jitqabblu mal-bejgħ kollu tal-industrija tal-Unjoni. Il-kalkolu tal-bejgħ taħt il-prezz sar biex jitqabbel il-bejgħ tal-PME mill-Indoneżja mal-bejgħ kollu tal-industrija tal-Unjoni bis-CFPP 0, billi jkun hemm żieda fil-prezz tal-importazzjonijiet Indoneżjani tal-PME b'fattur fil-prezz kkalkulat billi jitqabbel il-bejgħ tas-CFPP 0 tal-industrija tal-Unjoni mal-bejgħ tas-CFPP 13tal-industrija tal-Unjoni. Għaldaqstant il-pretensjoni ma tintlaqax. Il-pretensjoni tal-istess parti, li skont hija l-kalkoli tal-ħsara inkludew prodott importat, mhix fattwalment korretta u għalhekk ma tintlaqax. Fi kwalunkwe każ, il-bijodiżil importat u l-bijodiżil prodott fl-UE ġew imħallta flimkien u mibjugħa bl-istess prezz bħal ta' taħlitiet li ma inkludew l-ebda bijodiżil importat.

(129) Produttur esportatur Indoneżjan ikkuntesta wkoll il-kalkolu tal-ispejjeż ta' wara l-importazzjoni. Madankollu, dawk l-ispejjeż kienu vverifikati bħala l-ispejjeż reali għall-importazzjoni tal-bijodiżil nieqsal-ispejjeż tal-konsenja għad-destinazzjoni finali, u mhija meħtieġa l-ebda bidla.

## 6. **Indikaturi makroekonomiċi**

(130) Kif stipulat fil-premessa (101) tar-Regolament provviżorju, l-indikaturi makroekonomiċi li ġejjin kienu analizzati abbażi tad-dejta riċevuta li tkopri l-industrija tal-Unjoni kollha: il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni, l-użu tal-kapaċità, il-volum tal-bejgħ, sehem is-suq, it-tkabbir, l-impjiegi, il-produttività, il-kobor tal-marġini ta' dumping u l-irkupru minn dumping preċedenti.

(131) Wara konklużjonijiet provviżorji, l-industrija tal-Unjoni osservat li d-dejta dwar il-kapaċità li kienet intużat fit-Tabella 4 tar-Regolament provviżorju inkludiet il-kapaċità li ma kinitx żarmata, li madankollu ma kinitx fi stat li tkun disponibbli għall-użu matul il-PI jew is-snin preċedenti sabiex timmanifattura l-bijodiżil. Huma identifikaw separatament din il-kapaċità bħala "kapaċità wieqfa" li ma għandhiex tingħadd bħala kapaċità disponibbli għall-użu. Iċ-ċifri tal-użu tal-kapaċità fit-Tabella 4 għalhekk kienu iżjed baxxi milli suppost. Wara skrutinju dettaljat ta' din id-dejta sottomessa mill-ġdid, din kienet aċċettata u t-Tabella 4 hija mtennija hawn taħt. Ir-rata tal-użu tal-kapaċità li kienet minn 43 % sa 41 % fir-Regolament provviżorju, issa jsir minn 46 % sa 55 %. L-industrija tal-Unjoni kkoreġiet ukoll id-dejta tal-produzzjoni għall-2009, sabiex toħloq it-tabella ta' hawn taħt:

| | 2009 | 2010 | 2011 | PI |
|---|---|---|---|---|
| Kapaċità tal-produzzjoni (tunnellati) | 18 856 000 | 18 583 000 | 16 017 000 | 16 329 500 |
| *Indiċi 2009 = 100* | 100 | 99 | 85 | 87 |
| Volum tal-produzzjoni (tunnellati) | 8 729 493 | 9 367 183 | 8 536 884 | 9 052 871 |
| *Indiċi 2009 = 100* | 100 | 107 | 98 | 104 |
| Użu tal-kapaċità | 46 % | 50 % | 53 % | 55 % |
| *Indiċi 2009 = 100* | 100 | 109 | 115 | 120 |

(132) Il-premessa (103) tar-Regolament provviżorju analizzat id-dejta preċedenti dwar l-użu tal-kapaċità, filwaqt li nnutat li l-produzzjoni żdiedet filwaqt li l-kapaċità baqgħet stabbli. Bid-dejta riveduta l-produzzjoni xorta żdiedet, iżda l-kapaċità utilizzabbli naqset matul l-istess perjodu. Dan juri li l-industrija tal-Unjoni kienet qiegħda tnaqqas il-kapaċità disponibbli fid-dawl ta' żieda fl-importazzjonijiet mill-Arġentina u l-Indoneżja u b'hekk tirreaġixxi għas-sinjali tas-suq. Id-dejta riveduta issa hija aktar skont id-dikjarazzjonijiet pubbliċi tal-industrija tal-Unjoni u l-produtturi tal-Unjoni, billi tiddikjara li matul il-perjodu kkunsidrat il-produzzjoni kienet waqfet f'diversi impjanti u li l-kapaċità li ġiet installata ma kinitx disponibbli minnufih għall-użu, jew disponibbli biss għall-użu b'reinvestiment sinifikanti.

(133) Diversi partijiet interessati ddubitaw mill-kapaċita riveduta u mid-dejta dwar l-użu tal-kapaċità. Madankollu, l-ebda alternattiva ma ngħatat mill-ebda parti interessata. Ir-reviżjoni hija bbażata fuq id-dejta riveduta dwar il-kapaċità mogħtija mill-ilmentatur, u tkopri l-industrija tal-Unjoni kollha. Id-dejta disponibbli pubblikament li b'mod partikolari tirrigwarda l-kapaċità wieqfa kif ukoll il-kapaċità tal-produtturi li waqfu joperaw minħabba diffikultajiet finanzjarji ntużat bħala kontroreferenza għad-dejta riveduta. Kif spjegat hawn fuq fit-taqsima 6 "Indikaturi makroekonomiċi", id-dejta riveduta tipprovdi ġabra ta' dejta aktar preċiża tal-kapaċità disponibbli għall-produzzjoni tal-bijodiżil matul il-perjodu eżaminat milli mill-ġabra ta' dejta pprovduta oriġinarjament u ppubblikata fir-Regolament provviżorju.

(134) Parti interessata waħda ddikjarat li l-industrija tal-Unjoni ma saritilhiex ħsara, hekk kif il-volumi tal-produzzjoni tela' b'konformità mal-konsum. Dan l-argument huwa miċħud, minħabba li indikaturi importanti oħrajn jippuntaw b'mod ċar lejn l-eżistenza ta' ħsara, b'mod partikolari telf ta' sehem mis-suq għall-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati u x-xejra ta' profittabbiltà mnaqqsa li twassal għal telf.

(135) Parti oħra interessata argumentat li l-industrija tal-Unjoni ma saritilhiex ħsara jekk wieħed iqabbel biss ix-xejriet bejn l-2011 u l-PI għall kuntrarju ta' li wieħed iqabbel ix-xejriet matul il-perjodu li jibda mill-1 ta' Jannar 2009 sa tmiem il-PI ("il-perjodu kkunsidrat"). Minħabba li l-PI jkopri nofs l-2011, tqabbil bejn l-2011 u PI mhux preċiż. Barra minn hekk, biex paragun ikun sinifikanti huwa meħtieġ l-eżami tax-xejriet rilevanti għall-valutazzjoni tal-ħsara matul perjodu li huwa twil biżżejjed kif kien sar fil-każ preżenti. Għaldaqstant din il-pretensjoni ma tintlaqax.

(136) L-istess parti interessata nnutat li l-Kummissjoni ma kinitx ippubblikat il-valur totali tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni fir-Regolament provviżorju u talbet li din iċ-ċifra tiġi ppubblikata. Madankollu, il-fatturi rilevanti kollha msemmija fl-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku ġew eżaminati, biex b'hekk jippermettu valutazzjoni sħiħa ta' ħsara. Il-valur tal-bejgħ ġie miġbur, u vverifikat, minn kumpaniji inklużi fil-kampjun, li kienu jirrappreżentaw l-industrija tal-Unjoni bħala entità sħiħa.

(137) L-istess parti nnotat ukoll li l-industrija tal-Unjoni kienet kapaċi żżid l-impjiegi u għalhekk ma kien hemm l-ebda effett negattiv fuq l-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

(138) Madankollu, kif spjegat fil-premessa (106) tar-Regolament provviżorju, impjieg f'din l-industrija b'kapital intensiv huwa relattivament baxx. Għaldaqstant, varjazzjonijiet żgħar fiċ-ċifri jistgħu jikkawżaw ċertu moviment fid-dejta indiċjata. Iż-żieda fl-għadd totali ta' impjiegi ma tikkanċellax il-ħsara li ġarrbet l-industrija tal-Unjoni kif muri minn indikaturi oħra.

(139) Fin-nuqqas ta' xi kummenti oħra, il-premessi minn (103) sa (110) tar-Regolament provviżorju huma b'dan ikkonfermati.

## 7. Indikaturi mikroekonomiċi

(140) Kif stabbilit fil-premessa (102) tar-Regolament provviżorju, dawn l-indikaturi mikroekonomiċi ġew analizzati, u bbażati fuq dejta verifikata dwar il-produtturi tal-Unjoni li kienu fil-kampjun: il-prezzijiet medji ta' unità, l-ispiża unitarja, l-ispejjeż tax-xogħol, l-inventarji, il-profittabilità, il-flussi tal-flus, l-investimenti, ir-redditu fuq l-investimenti u l-kapaċità ta' ġbir ta' kapital.

(141) Fin-nuqqas ta' kummenti rilevanti, il-premessi minn (111) sa (117) tar-Regolament provviżorju huma b'dan ikkonfermati.

## 8. Konklużjoni dwar id-dannu

(142) Diversi partijiet ikkontestaw il-konklużjoni dwar il-ħsara mressqa fir-Regolament provviżorju fuq il-bażi li bejn is-sena 2011 u l-PI xi indikaturi kienu jidhru li marru għall-aħjar. Filwaqt li huwa minnu li xi indikaturi wrew xejra 'l fuq bejn l-2011 u l-PI (pereż., il-produzzjoni u l-bejgħ), l-industrija ma kinitx f'pożizzjoni li tgħaddi ż-żidiet fl-ispejjeż matul dan il-perjodu kif innutat fil-premessa (111) tar-Regolament provviżorju. Dan wassal biex il-pożizzjoni tal-industrija tmur għall-agħar minn telf ta' 0,2 % fl-2011 għal telf ta' 2,5 % fil-PI. Għalhekk, huwa meqjus li, anki jekk l-analiżi tad-danni kellha tiġi limitata għall-perjodu 2011sal-PI, l-industrija xorta tinstab li ġarrbet ħsara materjali.

(143) Fin-nuqqas ta' kummenti oħra, il-premessi minn 118 sa 120 tar-Regolament provviżorju huma b'dan ikkonfermati.

# F. KAWŻALITÀ

## 1. L-effett tal-importazzjonijiet iddampjati

(144) Parti waħda interessata qalet li l-importazzjonijiet mill-Arġentina ma setgħux ikun kawża ta' dannu, għax il-volumi ta' importazzjoni baqgħu stabbli mill-2010 sal-aħħar tal-PI, naqsu biss ftit mill-2011 sal-aħħar tal-PI.

(145) Din id-dejta ġiet meħuda mit-Tabella 2 tar-Regolament provviżorju u hija akkurata. Madankollu l-analiżi tal-Kummissjoni tibda minn meta jibda l-perjodu meqjus sa tmiem il-PI u, fuq dik il-bażi, l-importazzjonijiet żdiedu bi 48 %, b'żieda ta' 41 % f'sehem mis-suq. Barra minn hekk, kif spjegat fil-premessa (90) tar-Regolament provviżorju, mhux biss l-importazzjonijiet mill-Arġentina iżda wkoll l-importazzjonijiet mill-Indoneżja kienu kkunsidrati.

(146) Waqt li ħadet il-paragun tal-prezz minn sena għall-oħra, l-istess parti interessata nnotat li l-prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-Arġentina żdiedu b'pass aktar mgħaġġel mill-prezzijiet tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni. Madankollu, l-importazzjonijiet mill-Arġentina xorta huma inqas mill-prezz tal-industrija tal-Unjoni, u dan jispjega għala l-prezzijiet tal-Unjoni ma setgħux jiżdiedu daqshekk malajr.

(147) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment ieħor rigward l-effetti tal-importazzjonijiet iddampjati, il-premessi minn 123 sa 128 tar-Regolament provviżorju huma b'dan ikkonfermati.

## 2. Effett ta' fatturi oħra

### 2.1. *Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi minbarra l-pajjiżi kkonċernati*

(148) Fin-nuqqas ta' kummenti, il-konklużjoni li l-importazzjonijiet minn pajjiżi oħra ma kkawżawx ħsara, kif stabbilit fil-premessa (129) tar-Regolament provviżorju hija kkonfermata.

### 2.2. *Importazzjonijiet li ma kinux iddampjati mill-pajjiżi kkonċernati*

(149) Wara l-applikazzjoni tal-Artikolu 2(5) kif imsemmi fil-premessi (38) u (70) hawn fuq, ma nstabu l-ebda importazzjonijiet mhux iddampjati mill-pajjiżi kkonċernati. Għalhekk, il-premessa (130) tar-Regolament provviżorju rreveduta skont dan.

2.3. *Produtturi oħra tal-Unjoni*

(150) Fin-nuqqas ta' kull kumment ieħor, il-premessa (131) tar-Regolament provviżorju hija b'dan ikkonfermata.

2.4. *Importazzjonijiet magħmula mill-industrija tal-Unjoni*

(151) Kif stabbilit fil-premessi minn (132) sa (136) tar-Regolament provviżorju, l-industrija tal-Unjoni importat kwantitajiet sinifikanti ta' bijodiżil mill-pajjiżi kkonċernati matul il-perjodu eżaminat, sa 60 % tal-importazzjonijiet kollha saru minn dawn il-pajjiżi fil-PI.

(152) Parti waħda interessata allegat li dawn l-importazzjonijiet, lil ma sarux biex tipproteġi lilha nfisha, kienu parti minn "strateġija fuq terminu twil żviluppata bir-reqqa" mill-industrija tal-Unjoni, sabiex tinvesti fl-Arġentina u ġġib il-bijodiżil minn dan il-pajjiż.

(153) Dawn jallegaw ukoll li qatt ma kien hemm razzjonal ekonomiku li jkun importat iż-żejt tas-soja fl-Unjoni u li jkun ipproċessat f'bijodiżil fl-Unjoni, u li huwa biss ekonomikament fattibbli li ż-żejt tas-soja jkun proċessat fl-Arġentina u li jkun esportat il-bijodiżil li jirriżulta.

(154) Dawn id-dikjarazzjonijiet għandhom jiġu miċħuda. L-ebda evidenza ta' tali "strateġija fit-tul" ma ġiet ipprovduta u dan ġie miċħud mill-industrija tal-Unjoni. Ovvjament jekk l-istrateġija tal-industrija tal-Unjoni kienet li jissupplimentaw il-produzzjoni tal-bijodiżil tagħhom billi jipproduċu fl-Arġentina u jimportaw il-prodott lest, ma jagħmilx sens u huwa illoġiku li mbagħad tniedi ilment kontra importazzjonijiet ta' din ix-xorta.

(155) Parti interessata tenniet li l-importazzjonijiet tal-bijodiżil mill-industrija tal-Unjoni, li saru sabiex tipproteġi lilha nfisha, kienu magħmula bħala parti minn strateġija kummerċjali fuq terminu twil ta' żmien. Din l-allegazzjoni, li ma kinitx sostanzjata, ġiet miċħuda. Ma ngħatat l-ebda prova, apparti s-sempliċi allegazzjoni ta' strateġija bħal din. Barra minn hekk, mhux loġiku għall-produtturi tal-Unjoni kkonċernati li jappoġġaw l-ilment u, f'xi każijiet, jżidu l-kapaċità tagħhom fl-Unjoni filwaqt li fl-istess ħin jkollhom strateġija sabiex jissodisfaw il-bżonnijiet tal-produzzjoni minn importazzjonijiet.

(156) L-istess parti interessata argumentat ukoll li s-sehem tas-suq tal-industrija tal-Unjoni għandu jiġi kkalkulat billi jiġu inklużi l-importazzjonijiet tagħha magħmula sabiex tipproteġi lilha nnifisha. Din is-sottomissjoni ġiet miċħuda għax il-kalkoli ta' sehem is-suq għandhom jirriflettu l-bejgħ ta' prodotti tal-industrija tal-Unjoni li hija stess ipproduċiet u mhux l-attivitajiet kummerċjali tagħha bil-prodott lest, li jsiru sabiex tirrispondi għall-volumi dejjem akbar ta' importazzjonijiet iddampjati.

(157) L-industrija tal-Unjoni wriet ukoll li fis-snin preċedenti l-importazzjoni taż-żejt tas-soja – u ż-żejt tal-palm – għall-ipproċessar f'bijodiżil kienet ekonomikament vijabbli. L-ebda evidenza tal-kuntrarju ma ġiet ipprovduta mill-parti interessata. Huwa biss permezz tal-effett distorsiv kkawżat mit-taxxa differenzjata li jġib l-esportazzjoni tal-bijodiżil irħas mill-materja prima, meta ssir ekonomikament raġonevoli l-importazzjoni tal-prodott lest.

(158) Parti waħda interessata allegat li dawk l-importazzjonijiet kienu kawża ta' ħsara għax hija biss l-industrija tal-Unjoni li kellha l-kapaċità li tħallat l-SME mill-Arġentina u l-PME mill-Indoneżja mal-bijodiżil prodott mill-Unjoni għal bejgħ mill-ġdid lil raffinaturi tad-diżil. Dik l-allegazzjoni hija żbaljata. It-taħlit huwa operazzjoni sempliċi li ħafna kumpaniji kummerċjali huma kapaċi jagħmlu fit-tankijiet ta' ħażna tagħhom. Ma ġiet ipprovduta l-ebda prova li l-produtturi tal-Unjoni biss huma kapaċi għal din it-taħlita, u għalhekk l-allegazzjoni ġiet miċħuda.

(159) Produttur esportatur Indoneżjan sostna wkoll li l-importazzjonijiet mill-industrija tal-Unjoni ma kinux saru biex tipproteġi lilha nnifisha, u qabbel id-dejta tas-sena 2011 ma' dejta mill-PI, li fih sitt xhur mill-istess sena. Paragun bejn dawn it-tnejn għalhekk mhux preċiż jekk il-PI ma jkunx jista' jinqasam f'żewġ nofsijiet. Għaldaqstant dan l-argument ġie miċħud.

(160) Fin-nuqqas ta' kummenti oħra fir-rigward tal-esportazzjonijiet mill-industrija tal-Unjoni, il-premessi minn (132) sa (136) tar-Regolament provviżorju huma b'dan ikkonfermati.

2.5. *Il-kapaċità tal-industrija tal-Unjoni*

(161) Il-premessi minn (137) sa (140) tar-Regolament provviżorju osservaw li l-użu tal-kapaċità tal-industrija tal-Unjoni baqa' baxx matul il-perjodu kkunsidrat, iżda tul dan il-perjodu s-sitwazzjoni tal-kumpaniji fil-kampjun marret għall-agħar, filwaqt li l-użu tal-kapaċità tagħhom ma naqasx bl-istess ammont.

(162) Il-konklużjoni provviżorja kienet għalhekk li r-rata baxxa tal-użu tal-kapaċità, bħala fattur kostanti, ma kinitx responsabbli għall-ħsara kkawżata lill-industrija tal-Unjoni.

(163) Waħda mill-partijiet interessati kkumentat fuq id-dejta fir-Regolament provviżorju, billi ġibdet l-attenzjoni li anki fin-nuqqas ta' kwalunkwe importazzjoni l-użu tal-kapaċità tal-industrija tal-Unjoni ma kienx se jkun iktar minn 53 % matul il-PI. Hija ssemmi wkoll iż-żieda fil-kapaċità tal-produzzjoni mill-2009 sal-aħħar tal-PI li wasslet għal tnaqqis fl-użu tal-kapaċità waqt il-perjodu kkunsidrat.

(164) Madankollu, il-parti interssata ma pprovdiet l-ebda evidenza biex turi li dan l-użu baxx tal-kapaċità kien li kkaġuna ħsara sa tali punt li kiser ir-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet iddampjati u d-deterjorament tas-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni. L-ispejjeż fissi jirrappreżentaw biss proporzjon żgħir (madwar 5 %) tal-ispejjeżt totali tal-produzzjoni, li juri li l-użu baxx tal-kapaċità kien biss fattur wieħed tal-ħsara, iżda mhux wieħed deċiżiv. Barra minn hekk, waħda mir-raġunijiet għal din ir-rata baxxa tal-użu tal-kapaċità hija l-fatt li l-industrija tal-Unjoni, minħabba s-sitwazzjoni partikolari tas-suq, importat il-prodott lest innifsu.

(165) Barra minn hekk, wara l-inklużjoni tad-dejta riveduta dwar il-kapaċità u l-utilizzazzjoni, l-industrija tal-Unjoni naqqset il-kapaċità matul il-perjodu kkunsidrat, u żiedet l-użu tal-kapaċità, minn 46 % sa 55 %. Dan juri li l-użu tal-kapaċità tal-industrija tal-Unjoni jkun sostanzjalment ogħla mit-53 % imsemmi hawn fuq li kieku ma jkunx hemm l-importazzjonijiet iddampjati.

(166) Wara l-konklużjonijiet definittivi, bosta partijiet interessati tefgħu dubju dwar il-konklużjoni li l-użu baxx tal-kapaċità ma kinitx il-fattur deċiżiv li kkawża dannu. Ġie allegat li l-ispejjeż fissi fl-industrija tal-bijodiżil kienu ferm ogħla mill-proporzjon żgħir li ngħata hawn fuq. Madankollu ma taw l-ebda prova biex issostnu din l-allegazzjoni u għalhekk ġiet miċħuda. Fi kwalunkwe każ l-ispejjeż fissi ma għandhomx x'jaqsmu mar-rati tal-użu tal-kapaċità. Mill-verifika tal-kumpaniji fil-kampjun ħareġ li l-ispiża fissa apparagun mal-ispiża totali tal-proporzjon tal-produzzjoni kienet bejn it-3 % u l-10 % matul il-PI.

(167) Kien ukoll allegat f'dan ir-rigward li l-kapaċità żejda tal-industrija tal-Unjoni kienet tant għolja, li anki fin-nuqqas ta' importazzjonijiet, ma kinitx tkun profittabbli b'mod adegwat. Ma ngħatat l-ebda prova għal din l-allegazzjoni, u l-fatt li l-industrija tal-Unjoni għamlet profitt fl-2009 b'użu baxx tal-kapaċità jissuġġerixxi li fin-nuqqas ta' importazzjonijiet iddampjati, il-profitabbiltà tagħha tkun saħansitra ogħla.

(168) Barra minn hekk, kien argumentat li t-tnaqqis fil-kapaċità tal-industrija tal-Unjoni kien fih nnifsu kawża ta' dannu minħabba l-ispejjeż għall-għeluq tal-impjanti u t-tnaqqis fil-kapaċità tal-impjanti li komplew joperaw. Din l-allegazzjoni ma kinitx sostanzjata u ma ġiet imressqa l-ebda prova li turi li l-ispejjeż għat-tnaqqis tal-kapaċità, jew għall-għeluq ta' impjanti jew kumpaniji sħaħ, kienu jirrigwardaw ammonti sinifikanti.

(169) Fl-aħħar nett ġie allegat, rigward il-kapaċità, li kwalunkwe kumpanija li żżid il-kapaċità fil-produzzjoni tal-bijodiżil matul il-perjodu kkunsidrat, tkun qed tieħu deċiżjoni kummerċjali irresponsabbli. Ma ġiet ipprovduta l-ebda prova għal din l-allegazzjoni. Barra minn hekk, il-fatt li xi kumpaniji kienu kapaċi jżidu l-kapaċità tagħhom anki meta kien hemm żieda fl-importazzjonijiet tal-bijodiżil iddampjat mill-Arġentina u mill-Indoneżja, juri d-domanda fis-suq għal prodotti partikolari tagħhom.

(170) L-indikaturi makroekonomiċi riveduti juru wkoll li matul il-perjodu l-kumpaniji kienu qed iwarrbu l-kapaċità minn użu possibbli, u eqreb lejn tmiem il-PI kienu li qed jibdew proċess li jagħlqu l-impjanti li ma kinux għadhom vijabbli. Barra minn dan, żidiet fil-kapaċità fuq livell ta' kumpaniji individwali huma l-aktar dovuti għall-espansjoni tal-hekk imsejħa "tieni ġenerazzjoni" tal-impjanti tal-bijodiżil, il-manifattura minn żjut għar-rimi jew żejt veġetali idroġenati ("HVO"). Għalhekk l-industrija tal-Unjoni kienet, u għadha, fil-proċess li tirrazzjonalizza l-kapaċità tagħha biex tlaħħaq mal-ħtiġijiet tal-Unjoni.

(171) Fin-nuqqas ta' kummenti oħra fir-rigward tal-kapaċità tal-industrija tal-Unjoni, il-premessi minn (137) sa (140) tar-Regolament provviżorju huma b'dan ikkonfermati.

2.6. *In-nuqqas ta' aċċess għall-materja prima u l-integrazzjoni vertikali*

(172) Fin-nuqqas ta' kummenti oħra ġodda dwar l-aċċess għal materjali ġodda, il-premessi minn (141) sa (142) tar-Regolament provviżorju huma b'dan ikkonfermati.

2.7. *Għadd doppju*

(173) Il-premessi minn (143) sa (146) tar-Regolament provviżorju trattaw l-allegazzjoni li s-sistema ta' "għadd doppju", fejn bijodiżil magħmul minn żjut għar-rimi jgħodd darbtejn lejn il-mandati ta' taħlit f'xi Stati Membri, ikkawżat ħsara lill-industrija tal-Unjoni, jew għallinqas lil dawk il-produtturi tal-Unjoni li jimmanifatturaw il-bijodiżil minn żjut verġni.

(174) Parti interessata semmiet kumment minn produttur tal-Unjoni li matul l-2011 huwa tilef bejgħ għal produtturi oħrajn li mmanifatturaw bijodiżil eliġibbli għal għadd doppju.

(175) L-impatt negattiv fuq dan il-produttur kien madankollu limitat, temporanju, u rilevanti biss għal parti tal-perjodu ta' investigazzjoni, ladarba l-iskema tal-għadd doppju ġiet adottata biss f'Settembru 2011 fl-Istat Membru ta' fejn il-kumpanija tinsab. Minħabba li l-prestazzjoni finanzjarja tal-kumpaniji fil-kampjun naqset wara Settembru 2011, u din il-kumpanija kienet inkluża fil-kampjun, l-għadd doppju ma jistax jiġi kkunsidrat bħala sors ta' ħsara.

(176) Billi l-industrija tal-Unjoni hija magħmula kemm minn kumpaniji li jipproduċu bijodiżil miż-żjut għar-rimi u li jibbenefikaw minn għadd doppju f'xi Stati Membri, u wkoll minn kumpaniji li jipproduċu l-bijodiżil minn żjut verġni, il-moviment fid-domanda jibqa' fl-industrija tal-Unjoni. Minħabba provvista li tispiċċa ta' żjut użati, li huma meħtieġa għall-manifattura ta' bijodiżil b'għadd doppju, żieda kbira fil-produzzjoni ta' bijodiżil b'għadd doppju hija diffiċli. Għalhekk, għad hemm talba qawwija għall-bijodiżil tal-ewwel ġenerazzjoni. L-ebda importazzjonijiet sinifikanti ta' bijodiżil eliġibbli għal għadd doppju ma nstabu matul il-perjodu tal-investigazzjoni, u għalhekk ġie kkonfermat li l-għadd doppju qiegħda jbiddel id-domanda fl-industrija tal-Unjoni u mhux joħloq d-domanda għall-importazzjonijiet. Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda dejta mill-parti interessata li turi li l-bijodiżil b'għadd doppju kien ikkawża l-waqgħa fil-prezz tal-bijodiżil minn żejt verġni matul il-perjodu kkunsidrat. Id-dejta turi li l-bijodiżil b'għadd doppju għandu primjum ta' prezz baxx fuq il-bijodiżil verġni, li l-prezz tiegħu huwa marbut mad-diżil minerali.

(177) It-tnaqqis fil-prestazzjoni tal-industrija tal-Unjoni, li hija magħmula minn żewġ tipi ta' produtturi, ma jistax jiġi attribwit għar-reġim ta' għadd doppju fis-seħħ f'xi Stati Membri. B'mod partikolari, il-fatt li kumpaniji fil-kampjun li jipproduċu bijodiżil magħdud doppju qed juru wkoll tnaqqis fil-prestazzjoni, kif imsemmi fil-premessa (145) tar-Regolament provviżorju, juri li l-ħsara kkawżata mill-importazzjonijiet iddampjati qed tiġġarrab fl-industrija kollha.

(178) Bosta partijiet interessati argumentaw wara l-konklużjonijiet definittivi, li l-ammonti tal-bijodiżil magħdud doppju kienu ssottovalutati. Madankollu, l-ammonti ta' bijodiżil magħdud doppju disponibbli fis-suq tal-Unjoni kienu limitati apparagun mal-bejgħ totali tal-bijodiżil matul il-perjodu investigat. Barra minn hekk, jekk Stat Membru jkollu l-għadd doppju fis-seħħ, il-bijodiżil li jkun konformi sabiex jingħadd għal darbtejn jiġi prodott fl-Unjoni, u għaldaqstant id-domanda tibqa' fl-industrija tal-Unjoni. Ma kienet ippreżentat l-ebda prova ġdida li tista' tbiddel din il-konklużjoni.

(179) Fin-nuqqas ta' kummenti oħra ġodda dwar fatturi regolatorji tal-Unjoni, il-premessi minn (143) sa (146) tar-Regolament provviżorju huma b'dan ikkonfermati.

2.8. *Fatturi regolatorji oħra*

(180) Il-premessi minn (147) sa (153) tar-Regolament provviżorju jindirizzaw l-allegazzjonijiet mill-partijiet interessati li r-restrizzjonijiet fl-Istati Membri, bħalma huma sistemi ta' kwoti u sistemi tat-taxxa, kienu mfassla biex jirrestringu l-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati, li jfisser li kwalunkwe ħsara kkawżata lill-industrija tal-Unjoni, b'mod partikolari f'xi Stati Membri, ma setgħetx tkun minħabba l-importazzjonijiet.

(181) Dawn l-argumenti ġew miċħuda b'mod provviżorju, fost affarijiet oħra minħabba li l-importazzjonijiet iddampjati mill-pajjiżi kkonċernati huma preżenti f'bosta Stati Membri. Barra minn hekk, wara li jkun importati fi Stat Membru wieħed, dawn l-importazzjonijiet jistgħu jinġarru u jinbiegħu fi Stati Membri oħra wkoll.

(182) Parti interessata nnutat l-ammont żgħir ta' bijodiżil Arġentin irrilaxxat mill-kontrolli doganali Franċiżi fl-2011, u wkoll l-ammont żgħir iddikjarat bħala importat lejn il-Ġermanja fl-istess perjodu.

(183) L-ewwel nett, kif spjegat hawn fuq, il-bijodiżil rilaxxat mid-dwana fi Stat Membru jista' jinbiegħ fi Stat Membru ieħor, u dan irendi tali dejta mhux kredibbli. It-tieni, il-kumpaniji fil-kampjun fi Franza u l-Ġermanja t-tnejn kienu kapaċi juru l-kompetizzjoni tal-prezz bejn il-produzzjoni tagħhom u l-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati, u l-ħsara li dawn kienu qed ibatu b'riżultat ta' dan.

(184) Parti interessata oħra ddikjarat li l-irtirar ta' skemi mfassla li minnhom tibbenefika l-industrija tal-bijodiżil f'ħafna Stati Membri baxxew id-dħul tal-kumpaniji tal-bijodiżil matul il-perjodu kkunsidrat, u dan wassal għal dannu. Huma jindikaw b'mod partikolari l-irtirar gradwali tal-inċentivi tat-taxxa fi Franza, u tat-taxxi fuq "il-fjuwils ekoloġiċi" fil-Ġermanja.

(185) Madankollu, ma hemm l-ebda koinċidenza ċara fiż-żmien bejn dawn il-bidliet u d-deterjorament fil-prestazzjoni finanzjarja tal-industrija tal-Unjoni. Ħafna minn dawn l-inċentivi kienu diretti lejn l-utenti tal-bijodiżil, mhux il-manifatturi, u ħafna minnhom kienu għadhom fis-seħħ matul il-PI. Ma ġiet ipprovduta l-ebda evidenza li turi li l-bidliet fil-politika tal-Istati Membri, li jimxu lejn rekwiżiti mandatorji ta' taħlit, ikkawżaw ħsara lill-industrija tal-Unjoni.

(186) Produttur esportatur Indoneżjan osserva l-investigazzjoni li għaddejja tad-DĠ Kompetizzjoni dwar l-allegata sottomissjoni ta' prezzijiet distorti minn kontributuri fil-valuazzjoni tal-prezzijiet ta' prodotti ta' żejt u ta' bijofjuwils ta' Platts, u talab li s-suġġett ta' din l-investigazzjoni jkun ikkunsidrat bħala kawża possibbli ta' dannu. Din il-pretensjoni ġiet miċħuda minħabba li l-investigazzjoni għadha għaddejja, u l-ebda sejba ma ġiet ippubblikata.

(187) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment ġdid rigward il-politiki tal-Istati Membri, il-premessi minn (147) sa (153) tar-Regolament provviżorju huma b'dan ikkonfermati.

### 3. **Konklużjoni dwar il-kawżalità**

(188) L-importazzjonijiet tal-prodott konċernat mill-pajjiżi konċernati kienu ddampjati matul il-PI u waqqgħu l-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni. Hemm koinċidenza ċara fiż-żmien bejn iż-żieda fil-volumi tal-importazzjonijiet iddampjati u d-deterjorament tal-qagħda tal-industrija tal-Unjoni. L-importazzjonijiet iddampjati kienu f'kompetizzjoni diretta mal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni u bħala riżultat l-industrija tal-Unjoni tilfet il-profittabilità u sehem mis-suq matul il-perjodu meqjus. Billi huwa possibbli li fatturi oħra li jissemmew hawn fuq affettwaw il-prestazzjoni tal-industrija tal-Unjoni sa ċertu punt, jibqa' l-fatt li l-importazzjonijiet iddampjati mill-pajjiżi kkonċernati qegħdin jikkawżaw ħsara lill-industrija tal-Unjoni.

(189) Ma ġiet ipprovduta l-ebda evidenza ġdida li tista' tbiddel il-konklużjoni li l-effett ta' fatturi oħra, ikkunsidrati waħidhom jew kollettivament, ma kienux tali li jxejjnu r-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet iddampjati u d-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni. Fin-nuqqas ta' kummenti oħra dwar il-konklużjoni dwar il-kawżalità, il-premessi minn (154) sa (157) tar-Regolament provviżorju huma b'dan ikkonfermati.

## G. L-INTERESS TAL-UNJONI

### 1. **L-interess tal-industrija tal-Unjoni**

(190) Billi ma kien hemm l-ebda kumment ieħor rigward il-interess tal-industrija tal-Unjoni, il-premessi minn (159) sa (161) tar-Regolament provviżorju huma b'dan ikkonfermati.

### 2. **L-interess tal-importaturi u tan-negozjanti mhux relatati**

(191) Produttur esportataur Indoneżjan allega li d-dazji proposti jkollhom impatt negattiv fuq l-importaturi u l-kummerċjanti, iżda ma pprovda ebda evidenza għall-allegazzjoni tiegħu. Il-pretensjoni tagħhom iddikjarat il-kuntrarju, jiġifieri li d-dazju jista' jingħadda lill-utenti u l-konsumaturi fi prezzijiet ogħla li x'aktarx ma jwassal għall-ebda impatt fuq l-importaturi u l-kummerċjanti.

(192) L-ebda kummenti ma kienu rċevuti minn xi importaturi u kummerċjanti tal-bijodiżil wara l-pubblikazzjoni tal-miżuri provviżorji.

(193) Fin-nuqqas ta' kummenti ġodda oħra fir-rigward tal-interess tal-importaturi. kummerċjanti mhux relatati, il-premessi minn (162) sa (163) tar-Regolament provviżorju huma b'dan ikkonfermati.

### 3. **L-interess tal-utenti u tal-konsumaturi**

(194) Produttur esportatur Indoneżjan allega li d-dazji proposti se jżidu l-prezz tal-bijodiżil, u għalhekk inaqqsu l-inċentiv għall-konsumaturi biex jixtru vetturi li joperaw fuq il-bijofjuwils.

(195) Dik l-allegazzjoni hija miċħuda. L-applikazzjoni ewlenija tal-bijodiżil hija biex jitħallat fid-diżil minerali għall-bejgħ lill-konsumaturi bil-konsegwenza li ma għandhomx bżonn jixtru vettura speċjali li tista' taħdem b'bijokarburanti puri.

(196) Għalkemm il-prezz tal-element tal-bijodiżil jogħla, kieku dan il-bijodiżil jiġi importat mill-Arġentina jew l-Indoneżja, kif iddikjarat fir-Regolament provviżorju, ladarba l-proporzjon tal-bijodiżil fid-diżil mibjugħ lill-konsumaturi huwa żgħir, iż-żieda fil-prezz hija wkoll żgħira u mhux notevoli għall-konsumatur.

(197) L-effett possibbli tal-miżuri fuq il-prezz finali tad-diżil lill-konsumatur, li huwa mistenni li jkun żgħir, kif stabbilit hawn fuq, mhux se jikkomprometti l-objettivi tad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli ("RED").

(198) L-ebda utent jew konsumatur, jew grupp jew assoċjazzjoni li jirrappreżentaw lill-utenti jew lill-konsumaturi, ma kkummentaw dwar ir-Regolament provviżorju.

(199) Fin-nuqqas ta' kummenti addizzjonali oħra fir-rigward tal-interess ta' konsumaturi, il-premessi minn (164) sa (166) tar-Regolament provviżorju huma b'dan ikkonfermati.

### 4. **L-interess tal-fornituri tal-materja prima**

(200) Fin-nuqqas ta' kummenti fir-rigward tal-interess tal-fornituri ta' materja prima, il-premessi minn (167) sa (169) tar-Regolament provviżorju huma b'dan ikkonfermati.

### 5. **Konklużjoni dwar l-interess tal-Unjoni**

(201) Ma waslu l-ebda kummenti li jibdlu l-analiżi tal-interess tal-Unjoni kif stipulat fir-Regolament provviżorju, u għal-hekk xorta huwa fl-interess tal-Unjoni li jiġu imposti l-miżuri. Għalhekk, il-premessi minn (170) sa (171) tar-Regolament provviżorju huma b'dan ikkonfermati.

## H. **IL-MIŻURI DEFINITTIVI TA' ANTIDUMPING**

### 1. **Livell ta' eliminazzjoni tad-dannu**

(202) Bosta partijiet interessati kkontestaw l-użu ta' 15 % bħala l-profitt fil-mira għall-industrija tal-Unjoni kif stabbilit fil-premessa (175) tar-Regolament provviżorju, waqt li stqarru li ma kienx realistiku li l-industrija tal-Unjoni tal-bijodiżil tistenna profitt daqshekk għoli.

(203) Madankollu ħafna minn dawn il-partijiet interessati mbagħad issuġġerew li l-profitt fil-mira ta' 15 % jkun sostitwit b'dejta oħra minn perjodi ta' żmien oħra, jew minn investigazzjonijiet oħra, mingħajr spjegazzjoni għaliex perjodu ta' żmien wieħed, jew investigazzjoni waħda, kien iktar xieraq minn ieħor.

(204) Kif spjegat fir-Regolament provviżorju, il-marġini ta' profitt ta' 15 % kien il-profitt, espress bħala perċentwal tad-dħul, li l-industrija tal-Unjoni kisbet fin-nuqqas ta' esportazzjonijiet iddampjati bejn l-2004 u l-2006. Dan kien l-aħħar perjodu meta l-profitt magħmul fin-nuqqas ta' importazzjonijiet iddampjati minħabba li mill-2006 l-importazzjonijiet iddampjati minn dejjem kienu preżenti fis-suq tal-Unjoni, l-ewwel mill-Istati Uniti u mbagħad mill-Arġentina u l-Indoneżja.

(205) Madankollu, is-suq tal-bijodiżil tal-Unjoni mmatura b'mod sinifikanti mill-2004-2006 f'bosta aspetti. Bejn l-2004 u l-2006, l-importazzjonijiet iddampjati kellhom sehem negliġibbli mis-suq u importazzjonijiet oħra kienu wkoll baxxa. Matul il-PI l-importazzjonijiet iddampjati kellhom sehem mis-suq ta' 19 %. Matul il-perjodu 2004-2006 l-industrija tal-Unjoni kkonsistiet minn 40 kumpanija, u issa dan kiber għal aktar minn 200, li żied il-livell tal-kompetizzjoni.

(206) Bejn l-2004 u l-2006, il-konsum żdied b'mod drammatiku minn 2 miljun MT għal 5 miljun MT, billi fil-perjodu li qed jiġi kkunsidrat il-konsum żdied biss bi ftit, u l-użu tal-kapaċità, li kien 90 % bejn l-2004 u l-2006, kien 55 % fil-PI.

(207) B'konsegwenza ta' dan, huwa meqjus xieraq li jitqiesu l-iżviluppi fis-suq deskritti hawn fuq u li jkun aġġustat il-profitt fil-mira kif jixraq biex jirriflettu l-profitt li l-industrija tal-Unjoni tista' tistenna li tikseb taħt il-kundizzjonijiet attwali tas-suq.

(208) Għalhekk pjuttost milli jittieħed il-perċentwali tal-profitt, kien ikkalkolat il-profitt attwali għal dawn it-tliet snin f'EUR għal kull MT mibjugħa. Għal kull sena dan ġie meħud li jirrifletti prezzijiet tal-2011 u mbagħad ittieħdet il-medja. Meta espress bħala perċentwal tal-fatturat, il-profitt fil-mira għall-industrija tal-Unjoni fil-PI huwa ta' 11,0 %.

(209) Il-marġini biex tkun eliminata l-ħsara għalhekk ġie kkalkulat mill-ġdid fuq din il-bażi.

(210) Wara l-konklużjonijiet definittivi, fir-rigward tal-kalkolu tal-marġini ta' ħsara, parti interessata argumentat li d-dazju tal-importazzjoni ta' 5,1 % applikat fuq iż-żejt tal-palm RBD impurtat fl-UE, għandu jitneħħa mill-ispiża tal-produzzjoni tal-produtturi tal-UE. Dan l-argument ma jintlaqax billi dan id-dazju jirrappreżenta spiża għall-produtturi tal-Unjoni li jimpurtaw iż-żejt tal-palm, u għalhekk għandu jittieħed inkonsiderazzjoni.

(211) Produttur esportatur Indoneżjan kkontesta l-kalkolu tal-qligħ fil-mira tal-industrija tal-Unjoni u l-użu ta' dejta mill-2004 sal-2006, u wara ssuġġerixxa li tintuża biss is-sena 2004 għall-kalkolu tal-profitt fil-mira. Madankollu, l-investigazzjoni preċedenti kontra l-importazzjonijiet mill-Istati Uniti ddeterminat li l-medja tat-tliet snin kienet aktar preċiża milli kieku kellha tintuża l-2004 biss. Ma ġie ppreżentat l-ebda argument li jista' jwassal għal konklużjoni differenti.

(212) Wara l-konklużjonijiet definittivi, l-ilmentaturi argumentaw li l-profitt fil-mira ta' 15 % kif propost fl-istadju provviżorju għandu jinżamm. Madankollu dawn l-argumenti adottati mill-ilmentaturi m'għandhomx x'jaqsmu mal-objettiv li għalih għandu jiġi stabbilit profitt fil-mira, jiġifieri profitt li setgħet tagħmlu l-industrija tal-Unjoni fin-nuqqas ta' importazzjonijiet iddampjati. Dan l-argument għalhekk ma jintlaqax.

(213) Fin-nuqqas ta' kummenti oħra dwar il-livell tat-tneħħija tad-dannu, il-metodoloġija deskritta fil-premessi minn (176) sa (177) tar-Regolament provviżorju hija b'dan ikkonfermata.

### 2. **Miżuri definittivi**

(214) Fid-dawl tal-konklużjonijiet milħuqa rigward id-dumping, il-ħsara, il-kawżalità u l-interess tal-Unjoni, u f'konformità mal-Artikolu 9(4) tar-Regolament bażiku, għandhom jiġu imposti dazji definitivi antidumping fuq importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat fil-livell tal-marġini aktar baxxi ta' dumping u ħsara, skont ir-regola tal-anqas dazju.

(215) Ir-rati tad-dazju antidumping ġew stabbiliti billi ġew ipparagunati l-marġini tal-eliminazzjoni tad-dannu mal-marġini tad-dumping. Għalhekk, ir-rati tad-dazju antidumping definittivi, espressi fuq il-prezz CIF fil-fruntieri tal-Unjoni, bħala dazju doganali mhux imħallas, huma kif ġej:

| Pajjiż | Il-kumpanija | Il-marġini ta' dumping | Marġini ta' dannu | Rata tad-Dazju Antidumping |
|---|---|---|---|---|
| L-Arġentina | Aceitera General Deheza S.A., General Deheza, Rosario; Bunge Argentina S.A., Buenos Aires | 41,9 % | 22,0 % | 22,0 % (EUR 216,64) |
| | Louis Dreyfus Commodities S.A., Buenos Aires | 46,7 % | 24,9 % | 24,9 % (EUR 239,35) |
| | Molinos Río de la Plata S.A., Buenos Aires; Oleaginosa Moreno Hermanos S.A.F.I.C.I. y A., Bahia Blanca; Vicentin S.A.I.C., Avellaneda | 49,2 % | 25,7 % | 25,7 % (EUR 245,67) |
| | Kumpaniji oħra li kkooperaw | 46,8 % | 24,6 % | 24,6 % (EUR 237,05) |
| | Il-kumpaniji l-oħra kollha | 49,2 % | 25,7 % | 25,7 % (EUR 245,67) |
| L-Indoneżja | PT. Ciliandra Perkasa, Jakarta | 8,8 % | 19,7 % | 8,8 % (EUR 76,94) |
| | PT. Musim Mas, Medan | 18,3 % | 16,9 % | 16,9 % (EUR 151,32) |
| | PT. Pelita Agung Agrindustri, Medan | 16,8 % | 20,5 % | 16,8 % (EUR 145,14) |
| | PT Wilmar Bioenergi Indonesia, Medan; PT Wilmar Nabati Indonesia, Medan | 23,3 % | 20,0 % | 20,0 % (EUR 174,91) |
| | Kumpaniji oħra li kkooperaw | 20,1 % | 18,9 % | 18,9 % (EUR 166,95) |
| | Il-kumpaniji l-oħra kollha | 23,3 % | 20,5 % | 20,5 % (EUR 178,85) |

(216) Madankollu, billi d-dazju antidumping se jkun japplika wkoll għal taħlitiet li jinkludu l-bijodiżil (b'mod proporzjonat għall-kontenut ta' bijodiżil li jkollhom, skont il-piż), kif ukoll għall-bijodiżil pur, ikun aktar preċiż, u aktar xieraq għall-implimentazzjoni korretta tad-dazju mill-awtoritajiet Doganali tal-Istati Membri, li d-dazju jiġi espress bħala ammont fiss f'Euro għal kull tunnellata netta u dan jiġi applikat għall-bijodiżil pur importat, jew għall-proporzjon ta' bijodiżil fil-prodott imħallat.

(217) Il-premessa (183) tar-Regolament provviżorju nnutat li l-importazzjonijiet tal-bijodiżil mill-pajjiżi kkonċernati kienet suġġetta għal reġistrazzjoni, sabiex jekk meħtieġ dazji jkunu jistgħu jinġabru sa 90 jum qabel l-impożizzjoni tal-miżuri provviżorji.

(218) Dan il-ġbir ta' dazji fuq prodotti reġistrati huwa possibbli biss jekk il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 10(4) tar-Regolament bażiku jkunu sodisfatti. Wara li kienet ivverifikata l-istatistika tal-importazzjoni għal importazzjonijiet magħmula wara r-reġistrazzjoni, aktar milli jaraw żjieda oħra sostanzjali fl-importazzjonijiet qabel l-impożizzjoni tal-miżuri provviżorji, l-importazzjonijiet waqgħu b'mod sinifikanti. Il-kundizzjonijiet huma għalhekk mhux sodisfati u għalhekk l-ebda dazji ma huma se jinġabru fuq l-importazzjonijiet irreġistrati.

(219) Ir-rati tad-dazju antidumping għal kumpaniji individwali speċifikati f'dan ir-Regolament ġew stabbiliti abbażi tas-sejbiet tal-investigazzjoni attwali. Għalhekk, dawn jirriflettu s-sitwazzjoni li nstabet matul dik l-investigazzjoni fir-rigward ta' dawk il-kumpaniji. Dawn ir-rati tad-dazju (kuntrarju għad-dazju fil-pajjiż kollu applikabbli għall-"kumpaniji l-oħra kollha") huma b'hekk esklussivament applikabbli għall-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat li joriġina mill-pajjiżi kkonċernati u manifatturat mill-kumpaniji u għalhekk mill-entitajiet legali speċifiċi msemmija. Il-prodotti importati magħmulin minn xi kumpanija oħra mhux speċifikament imsemmija fil-parti operattiva ta' dan ir-Regolament, inklużi l-entitajiet relatati ma' dawk imsemmija b'mod speċifiku, ma jistgħux jibbenefikaw minn dawn ir-rati u jiġu soġġetti għar-rata tad-dazju applikabbli għall-"kumpaniji l-oħra kollha".

(220) Kwalunkwe pretensjoni li titlob l-applikazzjoni ta' dawn ir-rati tad-dazju antidumping ta' kumpanija individwali (pereż. wara bidla fl-isem tal-entità jew wara l-istabbiliment ta' entitatjiet ġodda tal-produzzjoni jew tal-bejgħ) għandha tiġi indirizzata lill-Kummissjoni ([1]) flimkien mal-informazzjoni relevanti kollha, b'mod partikolari kwalunkwe bidla fl-attivitajiet tal-kumpanija marbutin mal-produzzjoni, mal-bejgħ domestiku u ma' dak għall-esportazzjoni, li jkunu assoċjati pereżempju ma' din il-bidla fl-isem, jew din il-bidla fl-entitajiet tal-produzzjoni jew tal-bejgħ. Jekk ikun xieraq, ir-Regolament se jiġi emendat kif meħtieġ billi tiġi aġġornata l-lista tal-kumpaniji li jibbenefikaw mir-rati tad-dazju individwali.

(221) Il-partijiet kollha ġew mgħarrfa bil-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li fuq il-bażi tagħhom ġie intiż li tiġi rrakkomandata l-impożizzjoni ta' dazju antidumping definittiv fuq l-importazzjonijiet tal-bijodiżil li joriġinaw mill-Arġentina u mill-Indoneżja kif ukoll il-ġbir definittiv tal-ammonti garantiti permezz tad-dazju provviżorju ("il-konklużjonijiet definittivi"). Il-partijiet kollha ngħataw perjodu li fih setgħu jagħmlu l-kummenti tagħom dwar il-konklużjonijiet definittivi.

(222) Il-kummenti orali u bil-miktub sottomessi mill-partijiet interessati ġew ikkunsidrati u tqiesu fejn kien xieraq.

### 3. **Impenji**

(223) Żewġ produtturi esportaturi mill-Indoneżja offrew impenji simili fil-prezzijiet skont l-Artikolu 8(1) tar-Regolament bażiku. Ġie nnutat li fid-dawl tal-varjazzjonijiet sinifikanti fil-prezz tal-materja prima, il-prodott ma jitqiesx li huwa adatt sabiex jittieħed l-impenn ta' prezz fiss. F'dan il-kuntest iż-żewġ kumpaniji ppproponew li l-prezzijiet minimi tal-importazzjoni (MIPs) jiġu indiċjati regolarment skont il-fluttwazzjonijiet tal-prezzijiet taż-żejt tal-palm mhux raffinat (CPO), billi jiġi applikat koeffiċjent fuq l-ispiża ta' din il-materja prima.

(224) Rigward l-offerti ta' żewġ produtturi esportaturi, ta' min jinnota li sabiex jiġi stabbilit MIP indiċjat, dan għandu jqis id-diversi parametri addizzjonali li għandhom rwol sinifikanti u jirrifletti l-volatilità tas-suq tal-bijodiżil. Is-suq tal-bijodiżil huwa volatili ħafna u n-negozju tal-bijodiżil huwa influwenzat minn diversi fatturi oħrajn bħall-kumplessità tas-sistema ta' kummerċ tal-bijodiżil, id-differenza fil-prezz bejn iż-żejt tal-gass u l-bijodiżil, il-volatilità u l-evoluzzjoni tas-swieq taż-żjut veġetali u l-interdipendenza tad-diversi tipi ta' żjut veġetali, kif ukoll l-evoluzzjoni tar-rata tal-kambju USD/EUR. Dawn il-fatturi jkunu jeħtieġu indiċjar multiplu kumpless ħafna li sabiex ikun kif suppost jeħtieġ li jsir ta' kuljum. Għalhekk is-sempliċi indiċjar ta' kull xahar fuq il-prezzijiet tas-CPO biss, kif offrut, mhux meqjus adegwat u mhux se jilħaq ir-riżultat mixtieq.

(225) Barra minn hekk, ġew identifikati riskji ta' kontrokumpens importanti fir-rigward ta' dawn l-esportaturi Indoneżjani u l-klijenti tagħhom, ġaladarba prodotti oħra, apparti l-bijodiżil, huma esportati wkoll lejn l-Unjoni, kif ukoll minħabba l-prattika komuni f'dan in-negozju li tipprevedi s-self u t-tpartit, bejn il-kumpaniji, ta' bijodiżil, ta' CPO jew tabilħaqq ta' prodotti.

(226) Għalhekk il-fatturi msemmija hawn fuq jagħmlu l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ effettivi tal-impenji estremament diffiċli, jekk mhux ukoll imprattikabbli. Konsegwentement minħabba r-raġunijiet imsemmija hawn fuq, dawn l-offerti ta' impenn ma jistgħux jiġu aċċettati.

### 4. **Il-ġbir definittiv ta' dazji antidumping provviżorji**

(227) Wara l-konklużjonijiet definittivi, parti interessata sostniet li fl-istadju provviżorju seħħew xi żbalji klerikali fil-kalkolu tal-marġini ta' dumping, u li mingħajr dawn l-żbalji, il-marġini ta' dumping kien ikun *de minimis*. Bħala konsegwenza, din il-parti interessata talbet li l-ebda dazju antidumping provviżorju ma għandu jinġabar. Din il-pretensjoni ma tintlaqax għax id-dazju definittiv antidumping huwa b'mod ċar ogħla mid-dazju provviżorju.

(228) Minħabba l-marġnijiet ta' dumping misjuba u fid-dawl tal-livell ta' ħsara kkważata lill-industrija tal-Unjoni, l-ammonti garantiti permezz tad-dazju antidumping provviżorju impost bir-Regolament provviżorju għandhom jinġabru definittivament,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

1. Bil-preżenti qiegħed jiġi impost dazju antidumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' esteri monoalkiliċi ta' aċidi xaħmin u/jew ta' żejt tal-gass paraffiniku, miksuba minn sinteżi u/jew minn trattament idriku, ta' oriġini mhux fossili, f'forma pura jew f'taħlita, li attwalment jaqgħu taħt il-kodiċi NM ex 1516 20 98 (Kodiċi TARIC 1516 20 98 21, 1516 20 98 29 u 1516 20 98 30), ex 1518 00 91 (Kodiċi TARIC 1518 00 91 21, 1518 00 91 29 u 1518 00 91 30), ex 1518 00 95 (Kodiċi TARIC 1518 00 95 10), ex 1518 00 99 (Kodiċi TARIC 1518 00 99 21, 1518 00 99 29 u 1518 00 99 30), ex 2710 19 43 (Kodiċi TARIC 2710 19 43 21, 2710 19 43 29 u 2710 19 43 30), ex 2710 19 46 (Kodiċi TARIC 2710 19 46 21, 2710 19 46 29 u 2710 19 46 30), ex 2710 19 47 (Kodiċi TARIC 2710 19 47 21, 2710 19 47 29 u 2710 19 47 30), 2710 20 11, 2710 20 15, 2710 20 17, ex 3824 90 97 (Kodiċi TARIC 3824 90 97 01, 3824 90 97 03 u 3824 90 97 04), 3826 00 10 u ex 3826 00 90 (Kodiċi TARIC 3826 00 90 11, 3826 00 90 19 u 3826 00 90 30), u li joriġinaw mill-Arġentina u mill-Indoneżja.

[1] European Commission, Directorate-General for Trade, Directorate H, 1049 Bruxelles/Brussel, BELGIQUE/BELGIË.

2. Ir-rata tad-dazju antidumping definittiv applikabbli għall-prodott deskritt fil-paragrafu 1 u mmanifatturat mill-kumpaniji elenkati hawn taħt, tkun kif ġej:

| Pajjiż | Il-kumpanija | Rata tad-dazju euro għal kull tunnellata netta | Kodiċi addizzjonali TARIC |
|---|---|---|---|
| L-Arġentina | Aceitera General Deheza S.A., General Deheza, Rosario; Bunge Argentina S.A., Buenos Aires | (EUR 216,64) | B782 |
| | Louis Dreyfus Commodities S.A., Buenos Aires | (EUR 239,35) | B783 |
| | Molinos Río de la Plata S.A., Buenos Aires; Oleaginosa Moreno Hermanos S.A.F.I.C.I. y A., Bahia Blanca; Vicentin S.A.I.C., Avellaneda | EUR 245,67 | B784 |
| | Kumpaniji oħra li kkooperaw: Cargill S.A.C.I., Buenos Aires; Unitec Bio S.A., Buenos Aires; Viluco S.A., Tucuman | EUR 237,05 | B785 |
| | Il-kumpaniji l-oħra kollha | EUR 245,67 | B999 |
| L-Indoneżja | PT Ciliandra Perkasa, Ġakarta | EUR 76,94 | B786 |
| | PT Musim Mas, Medan | EUR 151,32 | B787 |
| | PT Pelita Agung Agrindustri, Medan | EUR 145,14 | B788 |
| | PT Wilmar Bioenergi Indonesia, Medan; PT Wilmar Nabati Indonesia, Medan | EUR 174,91 | B789 |
| | Kumpaniji oħra li kkooperaw: PT Cermerlang Energi Perkasa, Ġakarta | EUR 166,95 | B790 |
| | Il-kumpaniji l-oħra kollha | EUR 178,85 | B999 |

3. Id-dazju antidumping fuq it-taħlitiet ikun applikabbli skont il-proporzjon fit-taħlita, skont il-piż tal-kontenut totali tal-esteri monoalkiliċi ta' aċidi xaħmin u taż-żejt tal-gass paraffiniku, miksuba minn sinteżi u/jew minn trattament idriku, ta' oriġini mhux fossili (il-kontenut tal-bijodiżil).

4. F'każijiet fejn il-prodotti jkunu ġarrbu ħsara qabel ma jidħlu fiċ-ċirkolazzjoni ħielsa u, għaldaqstant, il-prezz li tħallas realment jew li għandu jitħallas ikun ikkalkulat proporzjonalment għad-determinazzjoni tal-valur doganali skont l-Artikolu 145 tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93 [1], l-ammont ta' dazju antidumping maħdum fuq l-ammonti stabbiliti hawn fuq jitnaqqas b'perċentwal li jikkorrispondi għal tnaqqis proporzjonali fil-prezz imħallas realment jew li għandu jitħallas.

5. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ rigward id-dazju doganali.

*Artikolu 2*

L-ammonti garantiti bħala dazju antidumping provviżorju skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 490/2013 fuq l-importazzjonijiet tal-bijodiżil li joriġinaw mill-Arġentina u l-Indoneżja jinġabru definittivament.

*Artikolu 3*

Fejn kull produttur esportatur ġdid fl-Arġentina u fl-Indoneżja jipprovdi evidenza biżżejjed lill-Kummisjoni li:

— huwa ma esportax lejn l-Unjoni l-prodott deskritt fl-Artikolu 1(1) matul il-perjodu tal-investigazzjoni (mill-1 ta' Lulju 2011 sat-30 ta' Ġunju 2012),

— huwa mhux relatat ma' xi produtturi jew esportaturi fl-Arġentina jew fl-Indoneżja li huma suġġetti għall-miżuri imposti permezz ta' dan ir-Regolament,

— huwa jkun effettivament esporta lejn l-Unjoni l-prodott ikkonċernat wara l-perjodu tal-investigazzjoni li fuqu huma bbażati l-miżuri, jew li jkun daħal f'obbligu kuntrattwali irrevokabbli sabiex jesporta kwantità sinifikanti lejn l-Unjoni.

L-Artikolu 1(2) jista' jiġi emendat billi jiżdied il-produttur esportatur il-ġdid mal-kumpaniji li kkooperaw li mhumiex inklużi fil-kampjun, u għalhekk huma soġġetti għar-rata tad-dazju medja peżata tal-pajjiż ikkonċernat.

[1] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jistipula d-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju (ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1).

*Artikolu 4*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Novembru 2013.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
L. LINKEVIČIUS